# RELAZZJONIJIET BEJN IL-PARLAMENT EWROPEW U L-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE

MT



# RAPPORT ANNWALI 2020



Europees Parlement

# **IL-PARLAMENTI** FL-UNJONI EWROPEA



## Il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa bbażat fuq id-demokrazija rappreżentattiva.

705 postijiet*



Fil-livell tal-Unjoni, iċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew.

L-Istati Membri huma rappreżentati fil-Kunsill Ewropew mill-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tagħhom u fil-Kunsill mill-gvernijiet tagħhom, li jkunu demokratikament responsabbli kemm lejn il-Parlamenti nazzjonali tagħhom, kif ukoll lejn iċ-ċittadini tagħhom.

Council of the European Union

## Il-Parlamenti Nazzjonali jikkontribwixxu b'mod attiv għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni billi...

...jinżammu informati mill-istituzzjonijiet tal-UE u jintbagħtulhom l-abbozzi tal-liġijiet tal-UE.

...jiżguraw li l-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi rrispettat.

...jieħdu sehem fil-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u jinvolvu ruħhom fil-monitoraġġ politiku tal-Europol u l-evalwazzjoni tal-Eurojust

...jieħdu sehem fil-proċeduri ta' reviżjoni tat-Trattati tal-UE.

...jiġu nnotifikati bl-applikazzjonijiet għall-adeżjoni mal-UE.

...jieħdu sehem fil-kooperazzjoni interparlamentari bejn il-Parlamenti nazzjonali u mal-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiddeterminaw flimkien l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni interparlamentari effettiva u regolari fl-UE.

Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC) tista' tippreżenta kull kontribut li jidhrilha xieraq għall-attenzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Din il-konferenza għandha tippromwovi, fost affarijiet oħra, l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew.

* Mill-1 ta' Frar 2020, il-Parlament Ewropew għandu 705 postijiet wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fil-31 ta' Jannar 2020.

Sorsi: L-Artikolu 12 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea (Nru 1) anness mat-Trattati.

# DIRETTORAT GĦAR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

# RAPPORT ANNWALI 2020

## Relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE

Dan ir-rapport annwali ta' ħidma tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet u l-iżviluppi kollha fil-kooperazzjoni interparlamentari mal-Parlamenti nazzjonali fl-2020. Din il-kooperazzjoni kienet tinvolvi 39 Parlament u Kamra nazzjonali madwar is-27 Stat Membru u l-Parlament Ewropew.

Din hija pubblikazzjoni tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Parlament Ewropew, li jikkostitwixxi parti mid-Direttorat Ġenerali għall-Presidenza tal-Parlament Ewropew.

**Katrin RUHRMANN**
Direttur
katrin.ruhrmann@europarl.europa.eu

**Pekka NURMINEN**
Kap ta' Unità, Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali
pekka.nurminen@europarl.europa.eu

**Jesús GÓMEZ**
Kap ta' Unità, Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv
jesus.gomez@europarl.europa.eu

Il-manuskritt tlesta minn:

**Paraskevi CHAVAKI**
Amministratur, Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali
paraskevi.chavaki@europarl.europa.eu

Il-manuskritt ingħalaq fit-18 ta' Marzu 2021.
relnatparl@europarl.europa.eu
https://europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/news

Ir-ritratti u l-illustrazzjonijiet kollha © l-Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

# RAPPORT ANNWALI 2020


Daħla mill-Viċi Presidenti tal-Parlament Ewropew responsabbli mir-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali tal-UE 8

I. L-effett tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kooperazzjoni interparlamentari 10

II. L-iżviluppi ewlenin u s-suġġetti ewlenin dwar l-aġenda interparlamentari fl-2020 13
- a. Qafas politiku 13
- b. Suġġetti trażversali 14

1. STRUTTURI INTERPARLAMENTARI ISTITUZZJONALI 18
   - 1.1 Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC) 18
   - 1.2 Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-UE (EUSC) 21

2. KONFERENZI INTERPARLAMENTARI (IPCs) 23
   - 2.1 Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea (EPW), il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE u l-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew (IPC SECG) 23
   - 2.2 Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (IPC PESK/PSDK) 26

3. SORVELJANZA INTERPARLAMENTARI FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA 29
   - 3.1 Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol 29
   - 3.2 Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-Evalwazzjoni tal-Eurojust 32
   - 3.3 Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG) 34

4. LAQGĦAT INTERPARLAMENTARI TAL-KUMITATI U KOOPERAZZJONI INTERPARLAMENTARI OĦRA 35
   - 4.1 Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati (ICMs) 35
   - 4.2 Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil 38
   - 4.3 Il-kooperazzjoni interparlamentari fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE u l-assembleji parlamentari multilaterali 40
   - 4.4 Żjarat bilaterali mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE lill-Parlament Ewropew u skambji bilaterali oħra 42

5. KOOPERAZZJONI LEĠIŻLATTIVA MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE 43
   - 5.1 Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u l-Protokoll Nru 2 tat-Trattati 43
     - 5.1.1 Sistema ta' Twissija Bikrija 43
     - 5.1.2 Sottomissjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE 44
     - 5.1.3 Nota ta' Kull Xahar dwar is-Sitwazzjoni Attwali 47
   - 5.2 Djalogu Politiku Informali u l-Protokoll Nru 1 tat-Trattati 48

6. NETWORKS U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI 50
6.1 Skambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX) 50
6.2 Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD) 52
6.3 Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza 55
6.4 Network ta' rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell 56
6.5 Seminars tal-persunal 57

7. GĦODOD U ATTIVITAJIET TA' APPOĠĠ 59
7.1 L-organizzazzjoni ta' laqgħat mill-bogħod u vidjokonferenzi 59
7.2 CONNECT – il-bażi tad-data tal-Parlament Ewropew ta' sottomissjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali 61
7.3 Direttorju ta' Kumitati Korrispondenti (CorCom) 62
7.4 Il-pubblikazzjonijiet tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali 63

8. DIRETTORAT GĦAR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI 64

ANNESS 66
ANNESS I – Laqgħat tal-COSAC – Suġġetti u Kelliema Ewlenin tal-2020 66
ANNESS II – Il-laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati u l-Konferenzi Interparlamentari organizzati mill-Parlament Ewropew fi Brussell fl-2020 68
ANNESS III – Żjarat tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew fl-2020 (inklużi vidjokonferenzi ffaċilitati mid-Direttorat) 69
ANNESS IV – Data tas-Sistema ta' Twissija Bikrija 71
ANNESS V – Kontributi fl-ambitu tal-Protokoll 1 – Djalogu Politiku Informali 73
ANNESS VI – Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD) 74

Glossarju tat-termini u l-akronimi 77

**Daħla mill-Viċi Presidenti tal-Parlament Ewropew responsabbli mir-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali tal-UE**




Is-Sa Dita Charanzová, Viċi President tal-PE u s-Sa Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President tal-PE fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell. © Unjoni Ewropea 2021 – PE/Alain ROLLAND

F'Jannar 2020, il-Parlament Ewropew kien ħerqan li jibda l-ewwel sena tiegħu tal-mandat leġiżlattiv il-ġdid wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019. Kien qed iħares 'il quddiem u lest li jaħdem fuq għadd kbir ta' sfidi, li jvarjaw mill-ippjanar tal-baġit għas-seba' snin li ġejjin u mit-tfassil tar-relazzjoni futura tal-UE mar-Renju Unit wara l-Brexit, għall-iżvilupp ta' politika ambjentali sostenibbli u l-bini ta' relazzjonijiet mas-sħab madwar id-dinja.

F'dak iż-żmien, ħadd ma seta' jimmaġina dak li kien se jkollna nħabbtu wiċċna miegħu: pandemija kkawżata mill-virus tal-COVID-19 li kienet se taffettwa kull pajjiż madwar id-dinja; persuni li jintlaqtu ħażin ħafna minn traġedji tas-saħħa u umani, kif ukoll mill-kriżijiet ekonomiċi u soċjali kkawżati mil-lockdowns; il-miżuri sanitarji u tas-saħħa meħtieġa għall-ġlieda kontra l-virus. Ma stajniex nimmaġinaw il-punt sa fejn il-ħajja ta' kuljum, il-libertà u l-imġiba tagħna kienu se jinbidlu fi żmien ftit ġimgħat biss.

Minn Marzu 2020, kull Parlament kellu jirreaġixxi malajr u jieħu inizjattivi għar-realtà l-ġdida tal-pandemija. Dan biex jiżgura kemm jista' jkun is-saħħa u s-sikurezza tal-Membri u tal-persunal tagħhom, kif ukoll il-kontinwità tal-funzjonijiet ewlenin bħal-leġiżlazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet baġitarji. In-networking interparlamentari u l-iskambju ta' prattiki dwar kif għandha tiġi indirizzata s-sitwazzjoni l-ġdida f'termini ta' proċeduri kemm parlamentari kif ukoll amministrattivi kienu għodod effiċjenti u siewja fil-ġestjoni tal-kriżi fil-Parlamenti.

L-attivitajiet interparlamentari ġew sospiżi biss fil-bidu nett tal-pandemija. Il-Konferenza tal-Kelliema ġiet ikkanċellata, u l-Presidenza Kroata kellha tħabbat wiċċha ma' sfidi mingħajr preċedent, iżda ġabet il-laqgħat interparlamentari lura fit-triq it-tajba bl-ewwel laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC organizzata mill-bogħod f'Ġunju 2020 u laqgħa addizzjonali tal-Presidenti ma' Michel Barnier, Kap Negozjatur tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE u r-Renju Unit. Matul il-Presidenza Ġermaniża, l-attivitajiet interparlamentari reġgħu qabdu r-ritmu li kellhom, bil-laqgħat kollha tas-soltu jsiru mill-bogħod u b'laqgħat addizzjonali tal-Presidenti tal-COSAC saħansitra jsiru mal-Kummissarji.

Il-Parlament Ewropew kellu jadatta malajr ħafna għal modi ġodda ta' ħidma u nieda riżorsi loġistiċi konsiderevoli biex jiżgura l-kontinwità tal-attivitajiet parlamentari (u interparlamentari). Il-Parlament Ewropew kompla bl-attivitajiet interparlamentari mal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol, din id-darba organizzati mill-bogħod. Dan l-avveniment ġie segwit minn diversi Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati mill-bogħod, inkluż l-ewwel nett dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust u Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, organizzata mill-Parlament Ewropew flimkien mal-Parlament tal-Presidenza f'kooperazzjoni maż-żewġ Parlamenti l-oħra tat-Triju ta' Presidenzi.

Il-Parlament Ewropew ikkoopera saħansitra aktar mill-qrib mal-Parlamenti tal-Presidenza bil-ħsieb li l-formati u l-aġendi tal-laqgħat jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi ġodda.. L-impenn u d-determinazzjoni kemm tal-Presidenza Kroata kif ukoll dik Ġermaniża, u tal-Parlament Ewropew, inkluż il-persunal kollu, ippermettew ritorn għall-programm normali ta' kwalità għolja u ambizzjuż ta' attivitajiet interparlamentari, minkejja ċ-ċirkostanzi straordinarjament diffiċli.

L-istituzzjonijiet tal-UE kienu robusti u reżiljenti f'din il-kriżi. It-teħid ta' deċiżjonijiet Ewropej fil-livelli kollha ġie żgurat u r-riżultati nkisbu. Ittieħdu deċiżjonijiet dwar il-baġit futur tal-UE u l-finanzjament tal-irkupru tal-UE, inklużi dispożizzjonijiet għar-rispett għall-istat tad-dritt, u ġiet stabbilita sistema vijabbli ta' riżorsi proprji għall-futur. Dawn is-suġġetti ġew diskussi wkoll b'mod wiesgħa u fil-fond fil-laqgħat interparlamentari.

Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kienet suġġett ieħor diskuss regolarment fil-laqgħat interparlamentari; din ċertament se tkun fil-qofol tal-attivitajiet u tad-dibattiti interparlamentari fl-2021. Il-Parlamenti Nazzjonali se jkollhom rwol ewlieni fid-dibattitu dwar it-tiswir tal-futur tal-Ewropa.

Aħna nilqgħu b'sodisfazzjon kooperazzjoni interparlamentari msaħħa dwar kwistjonijiet marbuta mal-azzjoni esterna tal-UE. Il-Parlament Ewropew jagħmel enfasi fuq il-monitoraġġ tal-impatt tal-kriżi fuq l-istituzzjonijiet demokratiċi madwar id-dinja. Aħna nistennew ukoll it-tnedija mill-ġdid tas-sħubija transatlantika tradizzjonali tagħna, biex nassumu rwol akbar bħala attur globali fix-xena internazzjonali, speċjalment fir-reġjuni tal-viċinat, u niżviluppaw relazzjoni produttiva ġdida u nsaħħu l-kooperazzjoni mal-Parlament tar-Renju Unit.

Is-sena 2020 biddlet b'mod fundamentali l-mod ta' ħidma tagħna u jeħtieġ li nużaw l-esperjenzi tagħna matul din is-sena eċċezzjonali. B'mod ġenerali, it-teknoloġija ħadmet tajjeb u tejjibna l-esperjenza tagħna b'metodi ta' ħidma virtwali. Madankollu, aħna nemmnu bis-sħiħ li r-relazzjonijiet interparlamentari huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq relazzjonijiet personali u li l-laqgħat interparlamentari ma jistgħux jiġu ssostitwiti bil-vidjokonferenzi. Il-laqgħat b'attendenza personali għandhom dinamika u tifsira differenti, u qed nistennew bil-ħerqa li nerġgħu niltaqgħu wiċċ imb wiċċ, malli dan ikun possibbli. Naturalment, dan ma jeskludix il-possibbiltà li l-laqgħat b'mod virtwali jistgħu jibqgħu jintużaw bħala format ta' laqgħa addizzjonali, kull meta dawn ikunu utli.

Nixtiequ nirringrazzjaw lis-Sinjura Mairead McGuinness, li kienet l-Ewwel eks Viċi President, għad-dedikazzjoni u l-kontribut tagħha għar-relazzjonijiet tal-Parlament Ewropew mal-Parlamenti nazzjonali, sakemm ġiet eletta fil-Kummissjoni Ewropea f'Settembru 2020.

Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE jibqgħu sħab ewlenin fit-tiswir tal-futur tal-Ewropa. Aħna impenjati li nkomplu l-kooperazzjoni mill-qrib tagħna fl-oqsma kollha ta' interess komuni u li niżguraw il-funzjonament xieraq tad-demokrazija parlamentari fil-livelli kollha, fl-Ewropa u lil hinn minnha.



Roberta Metsola

l-Ewwel Viċi President tal-PE



Dita Charanzová

Viċi President tal-PE

# I. L-EFFETT TAL-PANDEMIJA TAL-COVID-19 FUQ IL-KOOPERAZZJONI INTERPARLAMENTARI

Is-sena 2020 bdiet bħal kwalunkwe sena oħra, f'termini ta' attivitajiet interparlamentari. Il-laqgħa tal-Presidenti tal-Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC) saret f'Jannar 2020 f'Zagreb, u fetħet iċ-ċiklu ta' avvenimenti ppjanati mill-Presidenza Kroata. Fi Frar 2020, il-Parlament Ewropew laqa' fil-bini tiegħu fi Brussell aktar minn 100 deputat parlamentari minn Stati Membri differenti fil-qafas tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea. Il-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni f'Zagreb (2-4 ta' Marzu) kienet l-aħħar laqgħa interparlamentari li saret f'format fiżiku fl-2020.

Ftit wara dik il-laqgħa, is-sitwazzjoni tal-COVID-19 bdiet tmur għall-agħar b'mod drammatiku fl-Ewropa, u ttieħdu miżuri eċċezzjonali kullimkien biex jitrażżan it-tixrid tal-virus. Fil-Parlament Ewropew, fit-2 ta' Marzu, il-President David Sassoli ħabbar li aktar minn 130 avveniment skedati li jsiru fil-bini tal-Parlament Ewropew, u li kellhom jattendu għalihom bejn 6 000 u 7 000 parteċipant, kienu se jiġu kkanċellati. Il-Parlament Ewropew kien ukoll se jagħlaq il-bibien tiegħu għall-viżitaturi.

Iż-żieda fl-infezzjonijiet kienet rapida u l-epidemija saret globali. Id-deċiżjoni tal-President li ma jippermettix avvenimenti ma' viżitaturi esterni ġiet estiża fix-xhur ta' wara sa tmiem l-2020. L-avvenimenti ta' kull tip ġew ikkanċellati, iż-żjarat u l-ivvjaġġar ġew sospiżi, u l-persunal (u xi kultant il-Membri) intalbu jaħdmu mid-dar[1]. Konsegwentement, il-laqgħat interparlamentari wiċċ imb wiċċ kollha organizzati mill-Parlament Ewropew bejn Marzu u Diċembru 2020 ġew ikkanċellati, posposti jew issostitwiti b'laqgħat mill-bogħod.

Bl-istess mod, il-Konferenza tal-Kelliema tal-UE skedata li ssir f'Ħelsinki f'Mejju 2020 ġiet ikkanċellata. Il-laqgħa tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (JPSG) dwar il-Europol, skedata wkoll għal Marzu 2020, ġiet issostitwita bi skambju elettroniku ta' informazzjoni bil-miktub.

Madankollu, il-ħidma parlamentari baqgħet għaddejja. Għalkemm is-sessjonijiet mill-bogħod baqgħu l-eċċezzjoni aktar milli r-regola għall-Parlamenti nazzjonali, saru l-aġġustamenti meħtieġa biex il-Membri jkunu jistgħu jiskrutinizzaw u jivvutaw dwar liġijiet ġodda, li ħafna minnhom kienu relatati mal-emerġenza tas-saħħa.[2] Il-Parlament Ewropew adotta kalendarju rivedut tas-sessjonijiet, li l-ewwel wieħed minnhom jittratta kwistjonijiet leġiżlattivi urġenti. L-MEPs setgħu jew ikunu fiżikament preżenti jew konnessi permezz ta' vidjokonferenza. Ġew stabbiliti wkoll miżuri li jippermettu l-votazzjoni bil-posta elettronika. Miżuri ta' tbegħid soċjali applikati fil-Kamra.[3]

Il-Parlament Ewropew, kif ukoll il-Presidenzi tal-Kunsill kemm tal-Kroazja kif ukoll tal-Ġermanja, adattaw il-programmi tagħhom kemm jista' jkun. L-organizzazzjoni ta' avvenimenti interparlamentari kompliet b'pass pjuttost intensiv, speċjalment matul it-tieni nofs tal-2020. Il-kontinwità tal-attivitajiet nkisbet billi ġew adattati l-formati, l-aġendi u l-proċeduri tal-laqgħat. Intużaw proċeduri bil-miktub, u l-laqgħat saru virtwali, iqsar u aktar numerużi. L-adozzjoni ta' testi politiċi, li normalment ikunu s-suġġett

1 https://europarl.europa.eu/cmsdata/226105/WEB_No.27_National_Parliaments_procedures_following_COVID-19.pdf

2 Barra minn hekk, minħabba l-epidemija tal-COVID-19, Parlament nazzjonali ltaqa' fl-emiċiklu tal-Parlament Ewropew għall-ewwel darba: il-150 Membru tal-Parlament Belġjan ma setgħux jiltaqgħu fl-emiċiklu tas-soltu tagħhom filwaqt li jirrispettaw il-miżuri ta' tbegħid soċjali. Id-dibattitu dwar il-ftehim il-ġdid tal-gvern u r-ratifika tiegħu saru fil-ħarifa tal-2020 fil-bini tal-Parlament Ewropew.

3 https://europarl.europa.eu/cmsdata/226110/No.32._State_of_COVID-19_measures_in_Parliaments.pdf

ta' negozjati intensivi matul il-laqgħat, ġiet abbandunata jew issostitwita bi proċeduri oħra. Filwaqt li l-kooperazzjoni fil-qafas tal-COSAC kompliet mill-bogħod, kienet meħtieġa xi flessibbiltà miftiehma b'mod konġunt fir-rigward tar-Regoli ta' Proċedura, li ma jipprevedux ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn. Pereżempju, il-Presidenza Kroata ddeċidiet li tissostitwixxi l-laqgħa plenarja tal-COSAC b'laqgħa straordinarja tal-Presidenti, u l-Presidenza Ġermaniża organizzat «COSAC Virtwali» għalkollox biex tikkonkludi l-programm tal-Presidenza tagħha. Fiż-żewġ każijiet, ingħatat interpretazzjoni limitata minħabba l-limitazzjonijiet tekniċi tal-laqgħat mill-bogħod, u ma ġie adottat l-ebda test. F'xi każijiet, it-testi politiċi ġew issostitwiti b'Konklużjonijiet mill-Presidenti (Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni) jew ittra tal-Presidenza, miftuħa għall-firem (COSAC).

Iċ-ċirkostanzi politiċi fl-2020 ħolqu ħtieġa akbar ta' dibattiti urġenti. Fl-oqfsa kemm tal-COSAC kif ukoll tal-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (IPC PESK/PSDK ), ittieħdu inizjattivi mill-Presidenza Ġermaniża biex jiżdiedu «dibattiti ta' urġenza» (jew «*Aktuelle Sunde*» fil-COSAC Virtwali) mal-aġenda. L-objettiv kien li l-fehmiet jiġu skambjati b'mod aktar spontanju f'ċirkostanzi politiċi li jinbidlu kontinwament. Is-suġġetti ta' spiss kienu relatati mal-politiki esterni tal-UE. Din hija xejra li tista' tkompli.

Il-Parlament Ewropew reġa' nieda l-organizzazzjoni ta' attivitajiet interparlamentari mal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt il-Europol, organizzati mill-bogħod f'Settembru 2020. Din il-laqgħa ġiet segwita minn erba' Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati (ICMs) mill-bogħod, inkluża l-ewwel ICM dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust u Konferenza virtwali ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, koorganizzata mill-Parlament tal-Presidenza (il-Ġermanja) f'kooperazzjoni maż-żewġ Parlamenti l-oħra tat-Triju ta' Presidenzi (il-Portugall u s-Slovenja) f'Novembru fi Brussell.



Saru l-istess numru ta' ICMs bħal fl-2019. Dan kien diġà ftit aktar baxx mis-soltu minħabba l-elezzjonijiet Ewropej. Ta' min jinnota wkoll li fl-2020 kien hemm żieda fil-parteċipazzjoni tal-MPs mill-Parlamenti nazzjonali, x'aktarx minħabba l-faċilitajiet il-ġodda ta' attendenza mill-bogħod. Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar kienu jfissru li ftit li xejn ġew organizzati laqgħat bilaterali kmieni fl-2020, u l-laqgħat bilaterali kollha saru online wara Marzu 2020.

L-għadd ta' sottomissjonijiet fl-ambitu tal-Protokolli Nru 1 u Nru 2 kien ukoll kemxejn inqas minn f'sena leġiżlattiva normali, iżda xorta żdied mill-2019. F'diversi każijiet, il-ħtieġa li wieħed jirrispondi malajr għall-pandemija kienet tfisser li l-perjodu ta' 8 ġimgħat riżervat għall-analiżi tas-sussidjarjetà ma setax jiġi rrispettat, u l-ipproċessar tal-proposti leġiżlattivi ġie aċċellerat.

Il-pandemija mmarkat ukoll qabża diġitali 'l quddiem, mhux biss teknikament, iżda wkoll f'termini tal-imġiba u l-attitudnijiet tan-nies. Din aċċellerat id-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet għal laqgħat mill-bogħod u żiedet ir-rieda tad-deputati parlamentari u tal-kelliema ta' livell għoli li jipparteċipaw mill-bogħod. Il-laqgħat saru wkoll iqsar, u l-iskambji saru aktar iffukati. Xi wħud minn dawn l-esperjenzi pożittivi jistgħu jinżammu fil-futur u jistgħu jwasslu għal djalogi aktar ad hoc, pereżempju bejn ir-rapporteurs fil-Parlament Ewropew u fil-Parlamenti nazzjonali, jew bejn l-MEPs u l-Membri tal-Parlamenti nazzjonali bi rwoli istituzzjonali simili, pereżempju l-Presidenti tal-Kumitati li jikkondividu l-istess portafolli, jew il-Viċi Presidenti.

Minbarra dan l-iżvilupp fil-livell politiku, il-kriżi tas-saħħa rriżultat ukoll fi skambju ta' informazzjoni (bil-miktub) online u elettroniku akbar bejn il-Parlamenti, b'mod partikolari fil-qafas tan-networks tal-ECPRD u IPEX[4].

4 Iċ-Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD) u l-Iskambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX).

# II. L-IŻVILUPPI EWLENIN U S-SUĠĠETTI EWLENIN DWAR L-AĠENDA INTERPARLAMENTARI FL-2020

## a. Qafas politiku

Il-ħidma tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali twettqet taħt it-tmexxija politika u l-gwida tas-Sur David Sassoli, il-President tal-Parlament Ewropew, is-Sinjura Mairead McGuinness, bħala l-Ewwel Viċi President, flimkien mal-Viċi President is-Sinjura Dita Charanzová, responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali, u s-Sur Antonio Tajani, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) u tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Sa minn nofs Novembru 2020, is-Sinjura Roberta Metsola ġiet eletta bħala l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew u ssostitwiet lis-Sinjura McGuinness, li saret Kummissarju Ewropew għas-servizzi finanzjarji, l-istabbiltà finanzjarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

Is-sena 2020, l-ewwel sena sħiħa ta' dan it-terminu leġiżlattiv, kienet mistennija li tkun sena ta' sfida politika anke mingħajr il-pandemija. Is-suġġetti li kellhom jiġu koperti kienu importanti ħafna, marbuta mal-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni l-ġdida, approvati mill-PE meta kkonferma lill-Kummissjoni l-ġdida lejn l-aħħar tal-2019. Ftehim dwar il-QFP bil-leġiżlazzjoni kollha marbuta miegħu, konklużjoni tas-sħubija l-ġdida bejn l-UE u r-Renju Unit, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-aġenda diġitali, kif ukoll it-tnedija tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, suppost kellhom diġà jiġu inklużi fl-aġendi tal-laqgħat interparlamentari. It-tisħiħ tar-rwol tal-UE bħala attur globali kien suġġett importanti ieħor stabbilit għal diskussjoni f'ħafna fora interparlamentari.

Minn Marzu 2020, il-pandemija saret suġġett addizzjonali inevitabbli f'ħafna laqgħat. Il-Parlamenti skambjaw il-fehmiet u l-esperjenzi tagħhom dwar miżuri biex jiġi miġġieled it-tixrid tal-virus u kif għandhom jinżammu l-funzjonijiet ewlenin tal-Parlamenti u l-ħidma parlamentari matul iż-żminijiet diffiċli li ġabet magħha l-pandemija.

L-istat tad-dritt fl-UE kien suġġett ieħor li dwaru saru diskussjonijiet intensivi fl-2020. Dan id-dibattitu kien parzjalment marbut mal-QFP u mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, maħluqa biex jiġu mmitigati l-effetti soċjali u ekonomiċi fit-tul tal-pandemija. L-isfidi tas-sigurtà u tal-migrazzjoni kienu wkoll aggravati ħafna mill-kriżi u ġew diskussi matul laqgħat u skambji interparlamentari.



Laqgħa b'vidjokonferenza tal-Konferenza tal-Presidenti tal-PE u s-Sur David Sassoli, President tal-PE, mas-Sur Wolfgang Schäuble, President tal-Bundestag, f'Mejju 2020 © Unjoni Ewropea 2020 – PE/Daina LE LARDICC

## b. Suġġetti trażversali

Tradizzjonalment, il-kooperazzjoni interparlamentari tiffoka fuq kwistjonijiet u diskussjonijiet politiċi u istituzzjonali. Is-Sistema ta' Twissija Bikrija, li tgħaqqad lill-Parlamenti nazzjonali mal-proċess leġiżlattiv tal-UE permezz tal-analiżi tas-sussidjarjetà, wasslet għal djalogu leġiżlattiv estensiv li jmur ferm lil hinn mis-sussidjarjetà. Matul dawn l-aħħar snin, ingħatat ukoll attenzjoni lill-iskrutinju parlamentari u s-sorveljanza tal-azzjoni u l-aġenziji eżekuttivi Ewropej, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. Il-kooperazzjoni parlamentari qiegħda tiżviluppa wkoll fil-qasam tal-politiki esterni tal-UE, l-aktar fil-qafas tal-PESK/PSDK, iżda wkoll fid-diplomazija parlamentari, l-appoġġ għad-demokrazija u l-kooperazzjoni f'fora multilaterali u saħansitra globali, biex tiddefendi l-valuri u l-interessi Ewropej.

Fl-2020, is-suġġetti rikorrenti li ġejjin tqajmu f'diversi fora interparlamentari u diskussjonijiet bilaterali:

### i. Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

Sa minn Diċembru 2019, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew ipproponew li tiġi organizzata Konferenza sabiex issir riflessjoni dwar ir-rwol tal-UE f'ambjent internazzjonali li qed jinbidel b'mod kostanti u dwar l-adattamenti meħtieġa biex jiġu indirizzati r-realtajiet tas-seklu 21. Il-pandemija serviet biex tenfasizza b'mod aktar ċar minn qatt qabel il-ħtieġa urġenti ta' awtoriflessjoni u ta' diskussjoni dwar ir-riforma u t-tiġdid tal-UE.

Il-Parlament Ewropew adotta żewġ riżoluzzjonijiet fl-2020, f'Jannar u f'Ġunju, dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa[5]. L-MEPs talbu lill-Kunsill biex ikun miftuħ għal riformi mmexxija mill-Konferenza, inklużi bidliet fit-Trattat. Il-Parlament Ewropew impenja ruħu li jibda l-Konferenza mill-aktar fis possibbli, u kien lest li jagħmel dan fl-2020. L-MEPs saħqu li l-kriżi tas-saħħa fetħet aktar mistoqsijiet għal riflessjoni: setgħat akbar għall-Unjoni biex taġixxi fil-każ ta' theddid transfruntier għas-saħħa; strumenti ġodda biex jiġi żgurat li fil-futur l-Unjoni tkun tista' taġixxi mingħajr dewmien f'każ ta' kriżi biex tikkoordina, torganizza s-solidarjetà jew tirreaġixxi għal attakki fuq id-drittijiet fundamentali.

Mill-2019, il-Parlamenti nazzjonali wrew rieda qawwija li jkunu involuti fil-Konferenza, u dan ġie ssottolinjat f'diversi okkażjonijiet fl-2020, speċjalment fil-qafas tal-COSAC. Naturalment, il-Parlamenti nazzjonali għandhom rwol kruċjali x'jaqdu, kemm fil-konnessjoni maċ-ċittadini, kif ukoll mal-Parlament Ewropew, iżda wkoll formalment fil-każ ta' bidliet fit-Trattat. Il-Presidenza Ġermaniża kienet favur il-parteċipazzjoni qawwija tal-Parlament nazzjonali. Kemm il-Presidenza Kroata kif ukoll dik Ġermaniża taw bidu għal ittri tal-Presidenza lill-istituzzjonijiet tal-UE, iffirmati b'mod konġunt mill-maġġoranza tal-Presidenti tad-delegazzjonijiet tal-Parlament nazzjonali. Il-Parlament Ewropew esprima wkoll ix-xewqa tiegħu li l-Parlamenti nazzjonali jiġi involut b'mod xieraq u li l-Konferenza jkollha dimensjoni parlamentari ġenwina.

---

5 Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew rigward il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (testi adottati, P9_TA(2020)0010); Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew rigward il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa (testi adottati, P9_TA(2020)0153).

## ii. L-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali

Il-Kummissjoni adottat il-qafas tal-istat tad-dritt biex tindirizza l-iżviluppi f'xi pajjiżi tal-UE li jikkostitwixxu theddid sistemiku għall-istat tad-dritt. Billi l-istat tad-dritt sar prijorità trażversali fil-politiki kollha tal-UE, dan ġie rifless ukoll f'diversi dibattiti interparlamentari, inkluż fuq bażi bilaterali.

Ġiet organizzata laqgħa speċjali tal-COSAC biex jiġi diskuss l-istat tad-dritt mal-Viċi President tal-Kummissjoni Věra Jourovà u mal-Kummissarju Didier Reynders. Id-deputati parlamentari xtaqu jirrieżaminaw is-suġġett regolarment, pereżempju fil-kuntest tar-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt.

Fl-10 ta' Novembru, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament organizza ICM dwar «The first Annual Rule of Law Report by the Commission and the role of national Parliaments» (L-ewwel Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt mill-Kummissjoni u r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali), li ppermettiet lid-deputati parlamentari jaqsmu l-esperjenzi tagħhom dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali tagħhom. L-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ġie diskuss ukoll, b'enfasi partikolari fuq l-iskrutinju eżerċitat mill-Parlamenti nazzjonali matul dan il-perjodu.

## iii. In-negozjar tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit

Ir-Renju Unit ħareġ mill-UE fil-31 ta' Jannar 2020, u sa tmiem l-2020 kien hemm perjodu ta' tranżizzjoni previst biex ir-Renju Unit jibqa' parti mis-suq uniku u mill-unjoni doganali tal-UE filwaqt li kienu għaddejjin negozjati dwar ir-relazzjonijiet futuri. Il-ftehim dwar ir-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit ġie konkluż biss fl-24 ta' Diċembru 2020. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit, u b'mod aktar speċifiku n-negozjar tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, kienu karatteristika ta' diskussjonijiet interparlamentari matul is-sena kollha tal-2020.

F'Ġunju u f'Settembru 2020, il-Presidenti tal-COSAC kellhom żewġ laqgħat speċjali mal-Kap Negozjatur tal-UE Michel Barnier. Is-Sur Barnier informa lill-Presidenti tal-COSAC dwar l-aħħar żviluppi, fiż-żewġ okkażjonijiet bil-parteċipazzjoni tal-President tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tar-Renju Unit tal-Parlament Ewropew, is-Sur David McAllister. Fil-qafas tas-seba' laqgħa tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol, f'Settembru 2020, saret diskussjoni dwar l-isfidi relatati mal-Brexit fid-dawl tar-rwol futur tal-Europol u l-istandards mhux negozjabbli tal-UE fil-kooperazzjoni futura bejn il-Europol u r-Renju Unit. L-isfidi relatati mal-Brexit li jikkonċernaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata transfruntiera ġew diskussi wkoll fl-ICM dwar l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust f'Diċembru 2020.

Il-Parlament/Kmamar tar-Renju Unit ipparteċipaw f'attivitajiet interparlamentari fl-2020 (minn Frar 'il quddiem) bħala osservaturi ta' pajjiżi terzi jew bħala mistiedna speċjali, f'konformità mar-regoli tal-konferenzi interparlamentari differenti. Il-Kumitati tal-Parlament Ewropew xi kultant stiednu rappreżentanti tal-Parlament tar-Renju Unit, fejn xieraq. Ħafna skambji bilaterali mal-Parlament tar-Renju Unit baqgħu għaddejjin fl-2020, speċjalment mal-House of Lords.

## iv. Il-baġit tal-UE u l-pjan ta' rkupru

Il-pjan finanzjarju fit-tul għas-seba' snin li ġejjin, il-QFP 2021-2027, kien suġġett importanti li kellu jingħalaq fl-2020, flimkien mal-pjan ta' rkupru għall-Ewropa, b'reazzjoni għall-kriżi tas-saħħa u l-impatt qawwi tagħha fuq l-ekonomija Ewropea. Id-dibattiti u l-iskambji interparlamentari ddedikaw żmien sinifikanti għas-suġġett, li kien fuq quddiem nett fl-aġenda taż-żewġ Presidenzi fl-2020. L-ittra tal-Presidenza Kroata, iffirmata b'mod konġunt minn bosta Presidenti tal-COSAC, stiednet lill-istituzzjonijiet tal-UE jadottaw il-QFP u l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa fil-ħin.

Il-maġġoranza tal-Parlamenti laqgħu l-ftehim storiku tal-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Lulju 2020 dwar il-QFP u l-pjan ta' rkupru. Id-deċiżjoni dwar is-sistema l-ġdida tar-riżorsi proprji kellha tiġi rratifikata mill-biċċa l-kbira tal-Parlamenti nazzjonali. Il-Parlament Ewropew uża kull opportunità matul l-iskambji interparlamentari fl-2020 biex jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti ta' proċess ta' ratifika bla xkiel fl-Istati Membri, filwaqt li ddefenda wkoll il-pożizzjoni tiegħu li ma jnaqqasx il-QFP minħabba l-faċilità ta' rkupru.

Id-dibattiti fil-15-il Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE (IPC SECG), f'Ottubru 2020, ikkonċentraw fuq il-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi. L-eċċezzjoni ġenerali tal-Parlamenti f'dawn l-iskambji kienet li l-Parlamenti nazzjonali għandhom ikunu involuti fl-istabbiliment u fl-adozzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, mhux biss fl-iskrutinju tagħhom. L-istess messaġġ iddomina wkoll id-dibattiti tal-COSAC.

## v. It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali f'dinja li qed tinbidel huma prijorità tal-Kummissjoni mmexxija mill-President Ursula von der Leyen. Il-pandemija tal-COVID-19 għamlet l-għanijiet diġitali u ekoloġiċi tal-UE saħansitra aktar importanti u wriet li t-trasformazzjonijiet diġitali u ekoloġiċi jistgħu jseħħu b'mod mgħaġġel ħafna. Il-Parlament Ewropew jappoġġja bis-sħiħ dawn il-prijoritajiet tal-UE u ppromwova l-finanzjament adegwat tagħhom, li huwa indispensabbli għas-suċċess tagħhom.

Fi Frar 2020, l-IPC SECG iffukat ukoll fuq it-tibdil fil-klima u r-rwol li l-politiki ekonomiċi, baġitarji u soċjali tal-UE jista' jkollhom f'dan ir-rigward. Il-kelliema ewlenin kollha saħqu fuq l-importanza ta' azzjoni immedjata fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Is-Sur Frans Timmermans, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, indirizza lill-Presidenti tal-COSAC f'Settembru 2020 u elabora fuq is-suġġett u l-isfidi relatati. Huwa saħaq fuq l-importanza tal-fażi ta' rkupru tal-UE u r-rwol kruċjali tal-Parlamenti nazzjonali, kemm fir-rigward tat-tibdil tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew f'miżuri konkreti, li jirrikjedu ratifika fil-Parlamenti nazzjonali, kif ukoll fl-istabbiliment ta' programmi nazzjonali. Huwa saħaq ukoll fuq l-importanza li jiġi żgurat baġit adegwat għal ekonomija u soċjetà ekoloġiċi, reżiljenti u li jibqgħu validi fil-futur.

## vi. Ir-rwol tal-UE fid-dinja: ir-relazzjonijiet internazzjonali u l-multilateraliżmu – il-migrazzjoni u l-ażil

Il-ħtieġa li l-UE tissaħħaħ bħala attur globali saret saħansitra aktar evidenti fl-2020, peress li kienet qed tħabbat wiċċha mal-isfidi multipli u b'diversi aspetti tal-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni tat-trasformazzjoni diġitali, it-tisħiħ tal-politika komuni tas-sigurtà u s-sistema multilaterali bbażata fuq ir-regoli, u l-ġlieda kontra kwalunkwe tnaqqis fl-istandards demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

Fil-qafas tal-IPC PESK/PSDK, l-iskambji ffukaw fuq it-tmexxija globali tal-UE f'ambjent estern dejjem aktar kumpless. Ġiet enfasizzata l-ħtieġa urġenti ta' koordinazzjoni strateġika u ta' azzjoni esterna aktar magħquda u proattiva, u ngħatat attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni ta' wara l-elezzjoni fil-Belarussja.

Għall-ewwel darba, il-Parlament Ewropew organizza Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil f'Novembru 2020, flimkien mal-Bundestag Ġermaniż. Dan l-avveniment kellu jiġi organizzat fi Brussell u kien ippjanat bħala parti mill-programm tat-Triju ta' Presidenzi tal-Parlament Ġermaniż, Portugiż u Sloven. Il-Konferenza ta' Livell Għoli kienet tinkludi d-diskorsi ewlenin mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur David Sassoli, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sinjura Ursula von der Leyen, u l-Presidenti tal-Bundestag Ġermaniż, l-Assembleia da República Portugiża u d-Državni zbor Sloven.

L-aġendi tal-COSAC iddedikaw ukoll ħin sinifikanti għad-diskussjoni tal-politiki esterni, inkluż ir-rwol tal-UE fl-Afrika u r-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti, b'mod partikolari fid-dawl tal-Amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti. Ħafna deputati parlamentari ssuġġerew li l-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE jtejbu l-kollaborazzjoni u d-djalogu mal-kontropartijiet Amerikani u Afrikani tagħhom fil-futur qrib. Fl-istess ħin, ġie indikat li kien daqstant importanti li jsir investiment fit-tisħiħ tal-awtonomija strateġika proprja tal-UE u l-kapaċità tagħha li taġixxi b'mod effettiv fil-futur.

# 1. STRUTTURI INTERPARLAMENTARI ISTITUZZJONALI

## 1.1 Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC)

*COSAC, jew il-Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej, ġiet stabbilita f'Novembru 1989 f'Pariġi. Hija unika għaliex hija l-uniku forum interparlamentari stabbilit fit-Trattati (Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea). Il-Parlament nazzjonali tal-Istat Membru li jkun qed jorganizza l-Presidenza tal-Kunsill b'rotazzjoni jkollu rwol ewlieni fid-definizzjoni tad-direzzjoni u l-ħidma tal-COSAC. Trojka Presidenzjali, li l-Parlament Ewropew huwa membru permanenti tagħha, tappoġġjaha. Il-Presidenza tiddependi mill-appoġġ organizzattiv ta' segretarjat żgħir, ospitat mill-Parlament Ewropew u mmexxi minn uffiċjal issekondat minn Parlament nazzjonali («Membru Permanenti»). Ara www.ipex.eu*

Il-laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC f'Zagreb fl-20-21 ta' Jannar 2020, l-ewwel avveniment interparlamentari fl-2020 u l-ewwel waħda tal-Presidenza Kroata, kienet l-uniku avveniment tal-COSAC li ġie organizzat fl-2020 fuq il-post, bi preżenza fiżika u kif ippjanat inizjalment. Kienet ukoll l-aħħar laqgħa li fiha r-Renju Unit ipparteċipa bħala Stat Membru tal-UE.

Il-laqgħa ffukat fuq il-prijoritajiet tal-Presidenza Kroata: «Ewropa li tiżviluppa, tgħaqqad, tipproteġi u tinfluwenza». Id-dibattitu fost id-deputati parlamentari ġie estiż għal diversi kwistjonijiet, inkluż it-tkabbir, il-migrazzjoni, il-qafas finanzjarju pluriennali u l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, li kienet maħsuba biex tkun l-enfasi tal-laqgħa plenarja f'Mejju 2020. Qabel it-tifqigħa tal-COVID-19, il-Presidenza Kroata ffukat fuq il-mandat istituzzjonali l-ġdid (il-Parlament Ewropew il-ġdid u l-Kummissjoni l-ġdida) u kellha l-għan li tanalizza l-modi li bihom il-Parlamenti jwettqu r-rwoli ta' sorveljanza tagħhom u kif jikkooperaw mad-diversi korpi tal-UE. Dan kien is-suġġett tar-rapport biannwali tal-COSAC imħejji mill-Presidenza Kroata.

F'Marzu 2020, ħareġ biċ-ċar li ċ-ċirkostanzi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 ma kinux se jippermettu lill-Parlament Kroat jorganizza l-Laqgħa plenarja tal-COSAC tal-LXIII f'Zagreb, u l-laqgħa ġiet ikkanċellata. Madankollu, il-Presidenza Kroata, li sofriet ukoll minn terremot qawwi li laqat lil Zagreb u lill-bini tal-Parlament Kroat fit-22 ta' Marzu 2020, organizzat laqgħa straordinarja tal-Presidenti tal-COSAC, li saret mill-bogħod fis-16 ta' Ġunju 2020, li ssostitwiet il-Plenarja tal-COSAC. Din il-laqgħa ffukat, minn naħa, fuq ir-rispons tal-UE għat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-baġit tal-UE; u, min-naħa l-oħra, fuq il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.




Ritratt tal-grupp, laqgħa tal-President tal-COSAC, Zagreb, 20-21 ta' Jannar 2020. © Presidenza Kroata

Il-Presidenza Ġermaniża inevitabbilment żammet l-enfasi fuq il-pandemija u l-irkupru ekonomiku tal-UE, iżda tat ukoll l-attenzjoni meħtieġa għar-relazzjoni futura tal-UE mar-Renju Unit, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, it-trasformazzjoni diġitali u s-sovranità diġitali, kwistjonijiet ta' migrazzjoni, l-istat tad-dritt u kwistjonijiet ta' politika estera. Il-Bundestag Ġermaniż u l-Bundesrat mexxew id-diskussjoni tal-COSAC prinċipalment dwar il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u t-tagħlimiet meħuda minnha, iżda komplew ukoll ir-riflessjoni interparlamentari dwar il-futur tal-UE. Barra minn hekk, ġew iddedikati xi skambji għal suġġetti ta' politika esterna, jiġifieri relazzjonijiet transatlantiċi u r-relazzjonijiet tal-UE mal-Afrika. Il-laqgħat organizzati matul il-Presidenza Ġermaniża, kemm il-laqgħa tal-Presidenti fl-14 ta' Settembru kif ukoll il-konferenza tal-»COSAC Virtwali» fit-30 ta' Novembru u fl-1 ta' Diċembru 2020, saru b'parteċipazzjoni mill-bogħod. Il-Presidenza Ġermaniża kkonfermat l-intenzjoni tagħha, bi qbil mal-Parlamenti tal-COSAC, li testendi l-istediniet għal avvenimenti tal-COSAC lil pajjiżi terzi biss meta s-suġġetti li għandhom jiġu diskussi kienu jikkonċernaw dawk il-pajjiżi. Fl-istess ħin, ħafna parlamentari esprimew rieda ġenerali għall-COSAC li tiżviluppa kuntatti u torganizza laqgħat ad hoc mal-Parlamenti ta' pajjiżi terzi bħal dawk tal-Istati Uniti u tal-pajjiżi Afrikani.




Konferenza virtwali tal-COSAC, 30 ta' Novembru – 1 ta' Diċembru 2020, ospitata f'Berlin © Presidenza Ġermaniża

Minħabba ċ-ċirkostanzi u d-diffikultajiet ovvji fin-negozjar ta' test politiku mill-bogħod, la l-Presidenza Kroata u lanqas dik Ġermaniża ma ppreżentaw Kontribut tal-COSAC għall-adozzjoni. Madankollu, iż-żewġ Presidenzi bagħtu ittri lill-Presidenti tat-tliet istituzzjonijiet dwar is-suġġett tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, fejn saħqu fuq l-importanza li naġixxu malajr biex din tiġi organizzata u li jiġi żgurat rwol b'saħħtu għall-Parlamenti nazzjonali.

It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt kbir fuq il-funzjonament tal-COSAC, iżda b'mod ġenerali, kemm il-Presidenza Kroata kif ukoll dik Ġermaniża rnexxielhom, bl-appoġġ tat-Trojka Presidenzjali u tal-Parlament Ewropew, iżommu l-proċess għaddej u jiggarantixxu l-kontinwità tal-attivitajiet billi jadattaw il-metodi ta'ħidma tagħhom għas-sitwazzjoni. Dan l-approċċ kien jiggarantixxi wkoll l-adozzjoni taż-żewġ rapporti biannwali tal-COSAC fl-2020.

Barra minn hekk, għall-ewwel darba, ġew organizzati għadd konsiderevoli ta' laqgħat addizzjonali mill-bogħod. Saru diversi skambji informali ta' fehmiet tal-Presidenti tal-COSAC permezz ta' vidjokonferenza ma' kelliema ta' livell għoli (mal-Kap Negozjatur tal-UE-Renju Unit, Michel Barnier, dwar il-Brexit; mal-Viċi President tal-Kummissjoni Věra Jourovà u mal-Kummissarju Didier Reynders dwar l-istat tad-dritt; u mal-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni, is-Sinjura Margrethe Vestager dwar l-istrateġija industrijali u l-kompetizzjoni Ewropea). Barra minn hekk, parzjalment bis-saħħa tal-flessibbiltà tal-laqgħat mill-bogħod, il-laqgħat tat-Trojka Presidenzjali setgħu jiġu organizzati ferm qabel il-laqgħat ewlenin tal-COSAC, aktar milli sempliċement fil-lejla ta' qabel. Dan ippermetta lill-membri tat-Trojka jkollhom skambju aktar profond rigward id-deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu mill-Presidenza, b'perjodu ta' żmien itwal. Fiż-żewġ każijiet – l-iskambji informali ma' kelliema ta' livell għoli u l-laqgħat tat-Trojka Presidenzjali separati (jew addizzjonali) – għad irid jiġi stabbilit jekk dawn humiex se jsiru karatteristiċi permanenti tal-COSAC fil-futur.

Ara l-Anness I għall-avvenimenti u l-laqgħat tal-COSAC.

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- L-iskambji tal-COSAC żdiedu fin-numru fl-2020, peress li diversi skambji informali addizzjonali ta' fehmiet ma' kelliema ta' livell għoli (inklużi l-Kummissarji tal-UE u l-Kap Negozjatur) ġew organizzati permezz ta' vidjokonferenza dwar kwistjonijiet topiċi.
- Filwaqt li l-Parlamenti tal-COSAC ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jestendu l-istediniet għall-avvenimenti għal pajjiżi terzi biss meta s-suġġetti tal-aġenda jikkonċernaw lil dawk il-pajjiżi, id-deputati parlamentari laqgħu l-fatt li l-COSAC tiżviluppa kuntatti u torganizza laqgħat ad hoc mal-Parlamenti ta' pajjiżi terzi.
- Minkejja d-diffikultajiet ta' din is-sena marbuta mal-pandemija, id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew irnexxielha żżomm relazzjonijiet mill-qrib mal-Parlamenti tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE u kooperazzjoni fit-Trojka Presidenzjali.

## 1.2 Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-UE (EUSC)

*Il-Linji Gwida għall-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-UE fi Stokkolma ġew adottati fl-2010. Dawn jipprevedu laqgħa annwali waħda tal-Kelliema, organizzata mill-Istat Membru li jkollu t-tieni Presidenza tas-semestru f'sena partikolari, li għandha ssir matul il-Presidenza tar-rebbiegħa tas-sena ta' wara. Din il-Konferenza tadotta konklużjonijiet tal-Presidenza mhux vinkolanti. Għandha wkoll il-kompitu li tissorvelja l-koordinazzjoni tal-attivitajiet interparlamentari tal-UE.*

*L-aġenda tal-EUSC titħejja mil-Laqgħa tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti tal-UE. Ara www.ipex.eu*

Il-Konferenza tal-Kelliema tal-UE (EUSC), ippjanata li ssir f'Ħelsinki, il-Finlandja, f'Mejju 2020, ġiet ikkanċellata minħabba l-pandemija tal-COVID-19. L-organizzazzjoni tal-konferenza mill-bogħod ma kinitx għażla vijabbli. L-EUSC hija, min-natura tagħha stess, avveniment ta' networking ta' livell għoli. Barra minn hekk, il-faċilitajiet tekniċi meħtieġa biex tiġi ospitata konferenza multilingwi ma kinux qed jaħdmu fir-rebbiegħa tal-2020.

Madankollu, sar ammont kbir ta' xogħol ta' sfond biex jitwettaq il-mandat tal-EUSC preċedenti.

L-EUSC ta' Vjenna ta' April 2019 stiednet lill-Presidenza Finlandiża torganizza grupp ta' ħidma bil-ħsieb li l-Linji Gwida ta' Lisbona għall-Kooperazzjoni Interparlamentari fl-UE jiġu adattati għall-kundizzjonijiet eżistenti. Il-Linji Gwida ta' Lisbona, li jipprovdu qafas ġenerali għall-kooperazzjoni interparlamentari, ġew approvati fl-2008 qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Sal-2019, dawn ma baqgħux validi u ma kinux jirriflettu l-iżviluppi fil-kooperazzjoni interparlamentari li kienu seħħew minn dak iż-żmien.

Il-grupp ta' ħidma ġie mistieden iħejji rapport għall-Konferenza tal-Kelliema tal-UE f'Ħelsinki fl-2020 dwar is-suġġetti li ġejjin:

- L-adattament tekniku tal-Linji Gwida għall-kundizzjonijiet eżistenti, inkluż użu aktar strett ta' referenzi għat-Trattati u reviżjoni lingwistika tal-Linji Gwida kollha kemm huma;
- L-inklużjoni ta' formati ġodda ta' konferenzi fil-Linji Gwida, bħall-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea, il-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, u l-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol;
- L-użu aħjar tal-mezzi moderni ta' komunikazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni interparlamentari.

L-EUSC talbet ukoll lill-Presidenza Finlandiża tħejji, b'mod xieraq, fehim komuni dwar il-Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati li għandha tiġi organizzata mill-Parlament Ewropew dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust, sabiex il-Konferenza tal-Kelliema f'Ħelsinki tkun tista' tilħaq konklużjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet.

Il-Presidenza Finlandiża organizzat grupp ta' ħidma tekniku fil-livell tal-persunal, u ppreżentat żewġ abbozzi ta' dokumenti għal-Laqgħa tas-Segretarji Ġenerali f'Jannar 2020: l-abbozz aġġorna l-Linji Gwida u dokument dwar mezzi moderni ta' komunikazzjoni. Il-Presidenza ħejjiet ukoll dokument separat dwar l-ICM rigward l-evalwazzjoni tal-Eurojust.

Il-mandat ta' Vjenna ġie segwit bir-reqqa, b'abbozz ta' aġġornament tekniku u lingwistiku tal-Linji Gwida. L-iżviluppi ta' wara Lisbona, b'mod partikolari konferenzi interparlamentari ġodda u skrutinju u evalwazzjoni konġunti fil-ġustizzja u l-affarijiet interni, huma rreġistrati b'mod koerenti. L-istruttura tal-abbozz ta' Linji Gwida ġodda hija aktar informattiva. Ġew miżjuda referenzi għal bażijiet ġuridiċi u regoli ta' proċedura ta' kull korp interparlamentari. Il-Linji Gwida aġġornati se jħallu lok għal aktar żviluppi.

Il-Presidenza Finlandiża ħejjiet ukoll dokument dwar mezzi moderni ta' komunikazzjoni, inklużi suġġerimenti dwar modi u mezzi biex il-laqgħat interparlamentari jittejbu u jiġu animati bl-użu tal-ICT. Xi laqgħat fil-livell tekniku (tal-persunal) tal-grupp ta' ħidma li jkun qed iħejji d-dokument jistgħu jiġu ssostitwiti parzjalment minn għodod ta' ħidma online u vidjokonferenzi. L-iżviluppi tekniċi li saru matul it-tifqigħa tal-COVID-19 ifissru li xi aspetti tad-dokument diġà m'għadhomx validi.

Il-laqgħa tas-Segretarji Ġenerali f'Jannar 2020 ħejjiet id-dokumenti għall-adozzjoni mill-EUSC. Minħabba l-kanċellazzjoni tal-EUSC ta' Ħelsinki, l-adozzjoni finali tal-abbozz tal-Linji Gwida għandha ssir fl-EUSC ta' Berlin fl-2021.

Kważi sena wara l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Eurojust, f'Diċembru 2019, ġiet organizzata l-ewwel ICM tal-Eurojust mill-Parlament Ewropew f'kooperazzjoni mal-Parlament tal-Presidenza, f'Novembru 2020 (ara l-kapitolu 3.2.).

Il-Laqgħa tas-Segretarji Ġenerali f'Ħelsinki adottat ukoll ir-rapport annwali u l-konklużjonijiet dwar l-IPEX, u ddiskutiet il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, is-Sur Klaus Welle, ta diskors ewlieni bit-titolu «The European Parliament after the European Elections 2019» (Il-Parlament Ewropew wara l-Elezzjonijiet Ewropej tal-2019).

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- L-EUSC ma saritx fl-2020, minħabba l-pandemija. Madankollu, tlesta xogħol ta' sfond konsiderevoli fil-livell tas-Segretarji Ġenerali. Ġew prodotti tliet abbozzi ta' dokumenti: wieħed dwar aġġornament tal-Linji Gwida għall-Kooperazzjoni Interparlamentari; wieħed dwar mezzi moderni ta' komunikazzjoni; u ieħor dwar l-ICM rigward l-evalwazzjoni tal-Eurojust.

# 2. KONFERENZI INTERPARLAMENTARI (IPCs)

## 2.1 Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea (EPW), il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE u l-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew (IPC SECG)

*Il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE (stabbilita f'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja [il-Patt Fiskali]) tipprovdi qafas għal dibattitu u skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti u għal kooperazzjoni bejn il-Parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew.*

*Il-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew tipprovdi opportunità għal skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni taċ-ċikli tas-Semestru Ewropew u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bil-ħsieb li jsir eżerċizzju ta' skrutinju fuq l-azzjonijiet tal-eżekuttivi fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew.*

*Flimkien dawn jiffurmaw il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea (EPW), li tlaqqa' flimkien deputati parlamentari minn madwar l-UE kollha biex jiddiskutu temi ekonomiċi, baġitarji u soċjali. Iż-żewġ konferenzi sabu post regolari fil-kalendarju tal-attivitajiet interparlamentari u huma fora konsolidati għal dibattitu interparlamentari f'dawn l-oqsma importanti ta' politika.*

L-EPW tal-2020, koorganizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Parlament Kroat, saret fit-18 u d-19 ta' Frar 2020 fi Brussell. Din kienet id-disa' edizzjoni tal-Konferenza u attendew għaliha 111-il Membru ta' 28 Parlament (34 Kamra) minn 25 Stat Membru tal-UE, b'osservaturi mill-Montenegro, u mill-Bożnija-Ħerzegovina, kif ukoll b'mistiedna speċjali min-Norveġja. Madankollu, l-għadd ta' parteċipanti kien għoli, u dan jindika s-suċċess u r-rilevanza tal-avveniment, kif ukoll l-interess tal-Parlamenti nazzjonali fid-diskussjoni u l-iskambju ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet ekonomiċi, baġitarji u soċjali.

Il-membri tal-panel u l-kelliema ewlenin kienu jinkludu l-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur David Sassoli, il-Kelliem tas-Sabor tal-Kroazja, is-Sur Gordan Jandroković, il-President tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN), is-Sur Zdravko Marić, il-President tal-Grupp tal-Euro, is-Sur Mário Centeno, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Valdis Dombrovskis u l-Kummissarju għall-Ekonomija, is-Sur Paolo Gentiloni.

Is-suġġetti diskussi fil-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew mill-Membri tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE u tal-Parlament Ewropew kienu jinkludu: it-tlestija tal-unjoni bankarja u tal-unjoni tas-swieq kapitali; ir-riforma fl-arkitettura tal-governanza ekonomika; il-governanza ekonomika ssir aktar demokratikament responsabbli; u t-twassil tal-istrument baġitarju l-ġdid għall-konverġenza u għall-kompetittività, il-proposta għal skema Ewropea ta' riassigurazzjoni tal-benefiċċju tal-qgħad u r-rieżami tal-qafas tas-Semestru Ewropew.

Id-dibattitu tas-Semestru Ewropew ġie segwit minn tliet ICMs paralleli (organizzati mill-Kumitati BUDG, ECON u EMPL tal-Parlament Ewropew)[6] li indirizzaw għadd ta' suġġetti, bħal sistema

6 Il-Kumitati tal-Parlament Ewropew għall-Baġits, għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali.

internazzjonali tat-taxxa, is-sostenibbiltà tal-finanzi, Garanzija Ewropea għat-Tfal, pagi minimi ġusti, il-QFP li jmiss u riżorsi proprji ġodda biex jiġu indirizzati l-isfidi globali.

Fl-2020, l-IPC SECG għall-ewwel darba kellha aspett ambjentali u ffukat fuq it-tibdil fil-klima u r-rwol li l-politiki ekonomiċi, baġitarji u soċjali tal-UE jista' jkollhom f'dan ir-rigward. Il-kelliema ewlenin kollha tal-ewwel sessjoni saħqu fuq l-importanza ta' azzjoni immedjata fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu fuq il-politiki ekonomiċi, baġitarji u soċjali tal-UE. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew isir il-forza mexxejja wara ċiklu ġdid ta' tibdil kbir. Madankollu, dan għandu jitqies bħala pjan għat-trasformazzjoni tal-ekonomija Ewropea b'tali mod li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-Istati Membri kollha fil-proċess tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dan ikun jirrikjedi li jitqies investiment pubbliku u privat fuq skala kbira fin-negozjati attwali dwar il-QFP il-ġdid, li jipprevedi l-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta. Dawn kienu wħud mid-dikjarazzjonijiet li għamlu l-parteċipanti.

It-tieni sessjoni kienet iddedikata għall-ħiliet u l-impjiegi għat-tkabbir inklużiv. Saru diversi interventi fejn ġie sostnut li l-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ għandha tissaħħaħ bil-ħsieb li jiġu promossi l-impjiegi u l-inklużjoni taż-żgħażagħ, kif ukoll li tiġi żviluppata l-forza tax-xogħol u li din tiġi adattata għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-swieq tax-xogħol. Oħrajn semmew li t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali hija opportunità kbira iżda fl-istess ħin theddida, u għalhekk li għandhom jinħolqu sistemi adegwati ta' edukazzjoni u taħriġ biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' din ir-rivoluzzjoni billi jiġu żviluppati l-ħiliet u l-kompetenzi rilevanti. Suq tax-xogħol kompetittiv għas-seklu 21 irid ikun sostenibbli u sigur fil-ħolqien ta' tkabbir inklużiv.

Kif inhi d-drawwa fit-tieni nofs tas-sena, il-15-il IPC SECG saret f'Berlin fit-12 ta' Ottubru 2020. Il-laqgħa ġiet organizzata mill-bogħod mill-Bundestag Ġermaniż. Din laqqgħet flimkien 126 Membru tal-Parlamenti nazzjonali u disa' Membri tal-Parlament Ewropew.



Il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea, 18-19 ta' Frar 2020, Parlament Ewropew, Brussell
© Unjoni Ewropea 2020 – PE/Emilie GOMEZ




Fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, il-konferenza ffukat id-dibattiti tagħha fuq il-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi. Il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-Membri tal-Parlamenti nazzjonali kellhom l-opportunità li jiddiskutu l-interazzjoni bejn il-politika monetarja u fiskali u l-futur tar-regoli fiskali, u li jikkontribwixxu għal approċċ immirat għall-miżuri biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku tal-Ewropa. Id-dibattitu żvela l-interess profond tal-Parlamenti nazzjonali li jkunu assoċjati mill-qrib mal-proċess kollu. Il-Membri kollha li tkellmu saħqu li l-kompromess ta' Lulju kien wieħed storiku u ħeġġew lill-koleġiżlaturi jadottawh malajr. Dan wera wkoll l-importanza li l-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew ikunu involuti fil-proċess tal-istabbiliment u l-adozzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Id-dokument ta' gwida tal-Kummissjoni jaqbel ma' din il-fehma billi jħeġġeġ lill-Istati Membri jippubblikaw il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza fi stadju bikri bil-ħsieb li l-Parlament Ewropew, l-Istati Membri l-oħra, il-Kummissjoni Ewropea u l-pubbliku ġenerali jkun jista' jkollhom ħarsa ġenerali lejn dak li għandhom l-intenzjoni li jiksbu l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-membri tal-Parlamenti nazzjonali enfasizzaw l-importanza li jkun hemm riżorsi proprji ġodda b'saħħithom biex jiġi stabbilizzat u msaħħaħ il-baġit tal-UE.

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Għat-tielet sena konsekuttiva, il-programm tal-EPW kien ikkonċentrat f'ġurnata u nofs, u għaqqad il-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew mal-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE. Barra minn hekk, din l-edizzjoni saret aktar ekoloġika, b'enfasi fuq it-tibdil fil-klima u r-rwol dejjem akbar tagħha fil-politiki ekonomiċi, baġitarji u soċjali tal-UE.

## 2.2 Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (IPC PESK/PSDK)

*Il-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (IPC PESK/PSDK), li ġiet stabbilita b'deċiżjoni tal-Konferenza tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-UE fl-2012, hija l-pjattaforma interparlamentari għad-dibattitu dwar il-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE. Il-konferenza, li tiġi organizzata darbtejn fis-sena mill-Parlament tal-Istat Membru tal-UE li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill b'rotazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, b'mod regolari jattendu għaliha deputati parlamentari minn madwar l-UE kollha. Barra minn hekk, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET) tal-Parlament Ewropew ta' spiss jistieden lill-Parlamenti nazzjonali għal-laqgħat tiegħu fi Brussell, li jikkomplementaw id-djalogu interparlamentari f'dan il-qasam vitali tal-politika.*

Fl-2020, is-16-il sessjoni tal-IPC PESK/PSDK saret f'Zagreb (2-4 ta' Marzu) f'format fiżiku, filwaqt li s-17-il sessjoni ġiet organizzata mill-bogħod f'Berlin (4 ta' Settembru). Id-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew għaż-żewġ laqgħat kienu magħmula minn Membri tal-Kumitat AFET u mis-Sottokumitat għas-Sigurtà u d-Difiża, u kienu ppreseduti mill-President tal-Kumitat AFET, is-Sur David McAllister.

82 deputat parlamentari mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE attendew għall-IPC PESK/PSDK f'Zagreb. Wara l-proposti ta' riforma magħmula mill-President tad-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-IPC preċedenti ta' Ħelsinki f'Settembru 2019, il-Presidenza Kroata introduċiet żewġ innovazzjonijiet li kkontribwew biex l-IPC issir aktar dinamika u rilevanti. Il-Presidenza Kroata reġgħet tat ħajja lill-prattika preċedenti li l-konklużjonijiet jiġu adottati mid-delegazzjonijiet kollha u introduċiet ukoll «dibattitu ta' urġenza» fl-aġenda. Dan tal-aħħar ippermetta lill-kapijiet tad-delegazzjonijiet jagħżlu suġġett ibbażat fuq żviluppi reċenti, filwaqt li ppermetta lid-delegazzjonijiet ikunu involuti fl-aġenda u jkollhom l-opportunità li jirreaġixxu għall-avvenimenti attwali matul il-Konferenza.




Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, 2-4 ta' Marzu 2020, Zagreb © Presidenza Kroata

Il-Konferenza kienet maqsuma fi tliet sessjonijiet: Sfidi globali għal Ewropa reżiljenti u influwenti; il-Balkani tal-Punent; u t-Tisħiħ tal-Kooperazzjoni u l-Industrija Ewropea tad-Difiża.

Barra minn hekk, ġew organizzati tliet sessjonijiet ta' ħidma:

- Is-Sħubija tal-Lvant wara l-2020;
- PESCO: l-isfida tal-koerenza tal-inizjattivi tad-difiża tal-UE u r-rwol tal-Parlamenti Ewropej u nazzjonali;
- Ir-rwol tan-nisa fil-paċi u s-sigurtà.

Fil-konklużjonijiet tagħha, il-parteċipanti tal-IPC innotaw l-importanza tat-tmexxija globali tal-UE f'ambjent estern dejjem aktar kumpless. Huma qablu dwar il-ħtieġa urġenti ta' koordinazzjoni strateġika u ta' azzjoni esterna aktar magħquda u proattiva. Huma ssottolinjaw l-importanza li jinżamm baġit adegwat biex jintlaħqu dawn l-ambizzjonijiet. Barra minn hekk, huma laqgħu l-impenn tal-Kummissjoni għall-perspettiva tal-adeżjoni tal-Balkani tal-Punent, filwaqt li nnutaw li l-UE jeħtieġ li tkompli tħeġġeġ il-konsolidazzjoni demokratika kif ukoll tipprovdi appoġġ fil-ġlieda kontra t-theddid klimatiku u theddid ieħor għas-sigurtà.

Matul it-tieni nofs tal-2020, 121 deputat parlamentari mill-Parlamenti nazzjonali tas-27 Stat Membru tal-UE u l-Parlament Ewropew attendew għall-IPC PESK/PSDK li ġiet organizzata mill-bogħod f'Berlin. Ħames delegazzjonijiet Parlamentari mhux tal-UE attendew ukoll għall-Konferenza.

Matul l-ewwel fażi tal-Konferenza, dawk li attendew iddiskutew il-kwistjonijiet attwali ta' politika estera u ta' sigurtà ma' Josep Borrell Fontelles, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, li kien qiegħed l-Eġittu, il-Kajr, biex jipparteċipa f'taħditiet mar-rappreżentanti tal-Gvern Eġizzjan u tal-Lega Għarbija. Ġiet indirizzata firxa wiesgħa ta' suġġetti. Madankollu, id-dibattitu kien prinċipalment iddominat mis-sitwazzjoni ta' wara l-elezzjoni fil-Belarussja. Matul it-tieni fażi, il-Membri ddiskutew il-perkorsi lejn Unjoni Ewropea tad-Difiża u l-allinjament mill-ġdid ta' natura strateġika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE. Dr Ronja Kempin mill-Istitut Ġermaniż għall-Affarijiet Internazzjonali u tas-Sigurtà (SWP[7]) inkwadrat id-dibattitu billi tat diskors introduttiv.

Fid-dikjarazzjoni finali tagħhom, il-Kopresidenti, is-Sur David McAllister u s-Sur Dietmar Nietan (il-Presidenti tal-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew u dik Ġermaniża rispettivament) affermaw mill-ġdid il-ħtieġa ta' politika estera u ta' sigurtà tal-UE aktar b'saħħitha u aktar effettiva, kemm strutturalment kif ukoll finanzjarjament, speċjalment matul il-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni esprimiet tħassib dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran tal-Lvant, fil-Libanu, fit-Turkija, u fil-Libja, il-każ ta' Alexei Navalny u r-relazzjonijiet tal-UE kemm maċ-Ċina kif ukoll man-NATO. Dawn innotaw li l-istrumenti disponibbli jeħtieġ li jintużaw b'mod aktar effettiv, li l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-pożizzjonijiet unifikati tal-UE u li l-ambizzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jiġu ssodisfati b'impenn adegwat f'termini ta' proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

7 Stiftung Wissenschaft und Politik.

Is-Sur David McAllister, President tal-Kumitat tal-PE għall-Affarijiet Barranin u s-Sur Josep Borrell Fontelles, Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, jitkellmu waqt il-Konferenza Interparlamentari dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, inklużi l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, organizzata b'mod remot fl-4 ta' Settembru 2020
© Presidenza Ġermaniża



## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Iż-żieda tad-»dibattitu ta' urġenza» mal-aġenda, li jippermetti lill-kapijiet tad-delegazzjonijiet jagħżlu suġġett u jużaw din l-opportunità biex jirreaġixxu għal avvenimenti topiċi matul l-IPC, u b'hekk din issir aktar dinamika u rilevanti għall-iżviluppi tal-politika estera.
- L-iżvilupp b'suċċess tal-format tal-IPC mill-bogħod, il-konnessjoni ta' deputati parlamentari u uffiċjali mill-Parlamenti nazzjonali online minn madwar l-Ewropa kollha f'ħin reali. Din tista' tkun għodda utli għal avvenimenti futuri, billi tikkomplementa l-laqgħat fiżiċi.

# 3. SORVELJANZA INTERPARLAMENTARI FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

## 3.1 Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol

*L-Artikolu 88 tat-TFUE jippermetti lill-Parlamenti nazzjonali biex għall-ewwel darba jiskrutinizzaw flimkien mal-Parlament Ewropew aġenzija tal-UE li topera fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Abbażi tar-Regolament tal-Europol[8], fl-2017 ġie stabbilit il-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt (JPSG) dwar il-Europol biex jiżgura li l-Europol tkun kompletament responsabbli u trasparenti. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-JPSG huma deskritti fl-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Europol, li jiddefinixxi r-rwol tiegħu fil-monitoraġġ politiku tal-attivitajiet tal-Europol b'enfasi partikolari fuq l-impatt ta' dawk l-attivitajiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi.*

*Il-JPSG huwa struttura istituzzjonali innovattiva għall-iskrutinju parlamentari u jorganizza żewġ laqgħat fis-sena: fl-ewwel nofs tas-sena, fil-Parlament tal-pajjiż li jkun qed jorganizza l-presidenza tal-Kunsill tal-UE b'rotazzjoni, u fit-tieni nofs tas-sena, fil-Parlament Ewropew.*




B'reazzjoni għall-pandemija, tfasslu formati ġodda u flessibbli għas-sitt u s-seba' edizzjoni tal-JPSG, li jippermettulu jkompli għaddej mingħajr interruzzjoni fl-eżerċitar tal-iskrutinju tiegħu.

Is-sitt edizzjoni ġiet ikkanċellata u ssostitwita bi skambju elettroniku ta' informazzjoni bil-miktub. Fi sforz biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb kontinwu tal-JPSG u l-membri kollha tal-JPSG jingħataw il-possibbiltà li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħidma tiegħu, il-kelliema ewlenin kollha inizjalment mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħa tal-JPSG f'Zagreb intalbu jagħmlu disponibbli għall-membri r-rapporti u s-sottomissjonijiet bil-miktub li kellhom jiġu ppreżentati fil-laqgħa.

Waslu kontributi mid-Direttur Eżekuttiv tal-Europol, mill-Kummissarju tal-UE għall-Affarijiet Interni, mill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol, mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u mill-Bord ta' Kooperazzjoni tal-Europol. Id-delegati tal-JPSG ġew mistiedna jibagħtu aktar talbiet għal kjarifika jew kontribut u, bħala segwitu, il-kelliema ewlenin ipprovdew tweġiba konsolidata għat-talbiet addizzjonali għal informazzjoni. Ir-rapporti u l-kontributi tqassmu permezz tal-posta elettronika u ġew ippubblikati fis-sezzjoni ddedikata tal-JPSG IPEX u fuq is-sit web tad-Dimensjoni Parlamentari tal-Presidenza Kroata. L-eżitu ta' dan l-iskambju elettroniku attiv ġie ppreżentat b'rapport fis-seba' laqgħa tal-JPSG mill-Kap tad-delegazzjoni Kroata, u filwaqt li ġew rikonoxxuti l-limitazzjonijiet inerenti, id-delegati qiesu li l-iskambju kien ta' suċċess u utli ħafna.

8 Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)




Is-Sur Juan Fernando López Aguilar, Kopresident tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt u President tal-Kumitat tal-PE għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, waqt il-vidjokonferenza tal-Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol © Unjoni Ewropea 2020 – PE/ Daina LE LARDIC

Il-Parlament Ewropew kompla l-organizzazzjoni ta' laqgħat interparlamentari, filwaqt li organizza s-seba' laqgħa tal-JPSG dwar il-Europol bħala avveniment online mill-bogħod ibbażat fi Brussell. Il-pandemija kellha impatt kemm fuq is-sustanza kif ukoll fuq il-forma tagħha. Il-laqgħa, koorganizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Parlament Ġermaniż, saret fit-28 u fid-29 ta' Settembru 2020. Din kienet ikkopreseduta mis-Sur López Aguilar, il-President tal-Kumitat LIBE u l-Kap tad-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew, is-Sinjura Susanne Mittag, il-Kap tad-delegazzjoni tal-Bundestag Ġermaniż u s-Sur Boris Pistorius, il-Kap tad-delegazzjoni tal-Bundesrat Ġermaniż. Il-parteċipazzjoni b'attendenza personali fil-Parlament Ewropew kienet prevista biss għall-membri tad-delegazzjoni LIBE għall-JPSG.

Il-punti tal-aġenda regolari l-aktar prominenti biss, li jirriżultaw mill-Artikolu 51 tar-Regolament tal-Europol, kienu soġġetti għal preżentazzjonijiet u skambji fil-fond ta' fehmiet: ir-rapport mid-Direttur Eżekuttiv tal-Europol dwar l-aħħar attivitajiet tal-aġenzija u r-rapport tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-preżentazzjonijiet kellhom enfasi speċjali fuq l-isfidi li rriżultaw mill-kriżi tal-COVID-19, peress li kien hemm żieda fl-attività kriminali matul il-pandemija.

Minħabba r-restrizzjonijiet tekniċi u ta' żmien relatati mal-miżuri sanitarji, ma sar l-ebda dibattitu wara l-preżentazzjoni tad-Dokument ta' Programmazzjoni Pluriennali 2021-2023; dan ġie ssostitwit bi skambju bil-miktub sussegwenti mal-aġenzija dwar dan is-suġġett importanti, fil-qalba tar-rwol ta' skrutinju tal-JPSG. Il-Presidenti tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol u tal-Bord ta' Kooperazzjoni tal-Europol kellhom jissottomettu biss kontributi bil-miktub.

Id-dibattitu tematiku ttratta l-ġlieda kontra l-estremiżmu u t-terroriżmu tal-lemin u kien hemm sessjoni dwar ir-rwol futur tal-Europol u l-isfidi relatati mal-Brexit.

Id-diskussjonijiet li kien hemm wara l-preżentazzjonijiet kienu vivaċi, b'sejħiet għal soluzzjonijiet proattivi u kostruttivi. Xi wħud mill-kwistjonijiet imqajma kienu kumplessi u ż-żmien kien limitat, iżda l-kelliema ewlenin li wieġbu l-mistoqsijiet wegħdu li kienu se jagħmlu djalogu dwar dawk il-kwistjonijiet. Il-kelliema ta' livell għoli kienu jinkludu l-Kummissarju għall-Affarijiet Interni, is-Sinjura Ylva Johansson, u l-Ministru Federali tal-Ġermanja għall-Intern, il-Bini u l-Komunità, is-Sur Horst Seehofer. Il-membri tal-House of Commons u tal-House of Lords tar-Renju Unit intervjenew fil-qosor fid-diskussjoni dwar il-Brexit.

Id-delegati ġew infurmati bid-deċiżjoni tat-Trojka li tistabbilixxi grupp ta' ħidma dwar kwistjonijiet pendenti, soġġett għal reviżjoni ulterjuri possibbli fir-Regoli ta' Proċedura tal-JPSG[9]. Il-mandat tal-grupp ta' ħidma jkun limitat għas-sejba ta' soluzzjonijiet kunsenswali għall-kwistjoni tar-rappreżentant tal-JPSG għal-laqgħat tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol u l-klawżola ta' reviżjoni fir-Regoli ta' Proċedura.

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- L-iżgurar tal-kontinwità tal-attivitajiet tal-JPSG dwar il-Europol: mingħajr il-piż tad-diskussjonijiet dwar il-proċedura, il-JPSG stabbilixxa lilu nnifsu fl-2020 bħala sieħeb eżiġenti u involut, li ħa l-impenn li jappoġġja l-isforzi tal-aġenzija lejn infurzar tal-liġi sod.
- L-adattament tal-aġenda biex jiġu riflessi l-aħħar żviluppi (il-pandemija, il-Brexit): it-tfassil ta' formati xierqa għal skambji u laqgħat mill-bogħod u l-iżgurar tas-segwitu xieraq.

9 Il-laqgħa kostitwenti tal-Grupp ta' Ħidma saret fl-10 ta' Diċembru 2020, f'format mill-bogħod.

## 3.2 Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-Evalwazzjoni tal-Eurojust

*Sa mill-ħolqien tagħha fl-2002, il-Eurojust saret attur ċentrali fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. F'konformità mal-Artikolu 85 tat-TFUE, ir-regolamenti tal-UE li jirregolaw il-Eurojust iridu wkoll «jiddeterminaw [...] l-arranġamenti ta' assoċjazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali fil-valutazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust». Fl-2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw Regolament dwar il-Eurojust[10] ġdid bil-ħsieb li jipprovdu qafas legali uniku u mġedded għal Aġenzija ġdida żviluppata bis-sħiħ għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust).*

*Sabiex tiżdied it-trasparenza u s-sorveljanza demokratika tal-Eurojust, ir-regolament għandu jipprovdi mekkaniżmu għall-evalwazzjoni konġunta tal-attivitajiet tal-Eurojust mill-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE[11]. L-evalwazzjoni għandha ssir fil-qafas ta' laqgħa interparlamentari tal-kumitati (ICM) organizzata mill-Parlament Ewropew fil-bini tagħha fi Brussell, bil-parteċipazzjoni tal-membri tal-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE.*



L-ewwel Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-Evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust, l-1 ta' Diċembru 2020 fil-bini tal-PE fi Brussell © Unjoni Ewropea 2020 – PE

L-ewwel ICM dwar l-Evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust saret fl-1 ta' Diċembru 2020 fil-Parlament Ewropew ġewwa Brussell. Il-Kumitat LIBE tal-Parlament Ewropew, f'kooperazzjoni mal-Parlament Ġermaniż, stieden lill-Parlamenti nazzjonali għall-ewwel edizzjoni ta' dan l-avveniment annwali, kważi sena wara l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Eurojust fit-12 ta' Diċembru 2019. Il-kwistjonijiet legali u loġistiċi li rriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll żviluppi rilevanti oħra fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, bħar-radikalizzazzjoni, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità, kienu raġunijiet konvinċenti oħra biex tiġi organizzata l-ICM.

Il-laqgħa organizzata mill-bogħod kienet ippreseduta mill-President tal-Kumitat LIBE, Juan Fernando López Aguilar u kienet tikkonsisti fi tliet sessjonijiet, segwita minn sensiliet ta' mistoqsijiet u tweġibiet. Dawn koprew l-attivitajiet attwali u futuri tal-Eurojust, speċjalment fil-pandemija attwali; il-kooperazzjoni futura bejn il-Eurojust u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew li għadu kif inħoloq; il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi; u sfidi relatati mal-Brexit li jikkonċernaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata transfruntiera. Il-kelliema ta' livell għoli inkludew lis-Sur Didier Reynders, il-Kummissarju għall-Ġustizzja.

Bħala l-aħħar żieda reċenti fix-xenarju ta' attivitajiet ta' sorveljanza interparlamentari fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, dan il-forum iwiegħed li joħloq alleanza bejn sħab ta' appoġġ u involuti li jikkondividu l-għan li jipproteġu liċ-ċittadini Ewropej u jagħmlu lill-Ewropa aktar sikura.

10 Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138).

11 Ir-Regolament (UE) 2018/1727 jittratta dawk l-arranġamenti fil-punt 62 tal-preambolu tiegħu u fl-Artikolu 67.




Is-Sur Juan Fernando López Aguilar, President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fil-Parlament Ewropew, jippresiedi Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar il-Eurojust. © Unjoni Ewropea 2020 – PE/Alexis HAULOT

**Żviluppi ewlenin fl-2020:**

- It-tnedija tal-ICM dwar il-Eurojust fl-2020 kienet kisba sinifikanti, kważi sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Eurojust, u dan minkejja s-sitwazzjoni ta' pandemija. Id-dokument tal-Presidenza Finlandiża dwar fehim komuni dwar l-ICM, u l-progress li sar fil-Laqgħa tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti tal-UE, ipprovda lill-Parlament Ewropew ir-raġunijiet biex jorganizza l-ewwel ICM dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust f'format tekniku xieraq, f'kooperazzjoni mal-Presidenza Ġermaniża.

## 3.3 Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG)

*Ir-Regolament tal-EBCG[12], propost mill-Kummissjoni Ewropea fl-2018 u adottat fl-2019, huwa element importanti tal-approċċ komprensiv tal-UE għall-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Ir-regolament għandu l-għan li jindirizza l-isfidi migratorji u t-theddid futur potenzjali fil-fruntieri esterni u li jiżgura livell għoli ta' sigurtà interna, filwaqt li jissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni.*

Il-kooperazzjoni interparlamentari dwar l-iskrutinju tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCG) hija l-aktar żvilupp reċenti fir-relazzjonijiet parlamentari fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. L-ECBG hija magħmula mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Il-Parlamenti Nazzjonali għandhom is-setgħa ta' skrutinju fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif assenjata lilhom mis-sistemi kostituzzjonali nazzjonali tal-Istati Membri. Il-Parlament Ewropew huwa responsabbli għall-iskrutinju tal-Aġenzija tal-EBCG, f'konformità mat-Trattati.

L-Artikolu 112 tar-Regolament (UE) 2019/1896, li jittratta l-kooperazzjoni interparlamentari, jipprevedi li:

« *1. Bil-għan li tiġi indirizzata n-natura speċifika tal-gwardja Ewropea tal-fruntiera u tal-kosta, billi hija komposta mill-awtoritajiet nazzjonali u l-Aġenzija, u biex ikunu żgurati li l-funzjonijiet ta' skrutinju tal-Aġenzija mill-Parlament Ewropew u tal-awtoritajiet nazzjonali mill-parlamenti nazzjonali rispettivi tagħhom huma eżerċitati b'mod effettiv, kif previst fit-Trattati u mil-liġi nazzjonali rispettivament, il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali jistgħu jikkooperaw fil-qafas tal-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-Rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea annessi mat-Trattati.[[13]].*

*2. Meta jiġu mistiedna mill-Parlament Ewropew u mill-parlamenti nazzjonali fil-kuntest tal-paragrafu 1, id-direttur eżekuttiv u l-president tal-bord maniġerjali għandhom jattendu tali laqgħat.*

*L-Aġenzija għandha tibgħat ir-rapport annwali tal-attività tagħha lill-parlamenti nazzjonali* ».




© Kummissjoni Ewropea

Il-kooperazzjoni interparlamentari prevista għall-EBCG għandha kamp ta' applikazzjoni differenti u iżgħar mill-JPSG dwar il-Europol jew l-ICM għall-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust. Il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tad-diversi forom ta' kooperazzjoni interparlamentari fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni huma pjuttost differenti. L-arranġamenti prattiċi, adattati għall-ispeċifiċità ta' kull mandat, se jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' skrutinju jiġu infurzati bis-sħiħ bl-effetti mill-koleġiżlaturi.

### Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Is-sitwazzjoni tal-pandemija ma ppermettiet li jseħħ l-ebda avveniment relatat mal-EBCG.

12 Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

13 L-Artikolu 9 tal-Protokoll (Nru 1) tat-Trattati dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea jgħid: «Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiddeterminaw flimkien l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' koperazzjoni interparlamentari effettiva u regolari fi ħdan l-Unjoni».

# 4. LAQGĦAT INTERPARLAMENTARI TAL-KUMITATI U KOOPERAZZJONI INTERPARLAMENTARI OĦRA

## 4.1 Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati (ICMs)

*Il-Laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati (ICMs) huma t-tip standard ta' laqgħat organizzati mill-Parlament Ewropew għal skambji ffukati bejn il-kumitati settorjali dwar kwistjonijiet leġiżlattivi u politiċi ewlenin fl-ambitu tal-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll 1 tat-Trattati. Il-kalendarju tal-ICMs jintbagħat mill-President tal-Parlament Ewropew lill-Kelliema tal-Parlamenti nazzjonali kollha kull semestru.*

*Il-kumitati tal-Parlament Ewropew jorganizzaw sa 20 ICM fis-sena, u jistiednu lill-kumitati korrispondenti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE jinvolvu ruħhom f'dibattiti ffukati. L-ICMs urew li huma mod siewi għall-Membri tal-Parlament Ewropew biex jaqsmu fehmiet mal-kontropartijiet nazzjonali tagħhom. L-ICMs mhumiex biss forum għall-iskambju dwar kwistjonijiet leġiżlattivi, u b'hekk jikkontribwixxu għal tfassil aħjar tal-liġijiet, iżda wkoll pjattaforma li fiha jiġu diskussi kwistjonijiet politiċi ta' interess komuni u biex isiru laqgħat mal-Kummissarji u mar-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. L-ICMs huma koorganizzati fuq l-inizjattiva ta' kumitat wieħed jew aktar tal-Parlament Ewropew bl-appoġġ tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali.*







© Parlament Ewropew

Fl-2020, seba' ICMs ġew koorganizzati minn sitt kumitati parlamentari differenti, li jipprevedu dibattiti bejn 302 Membri tal-Parlamenti nazzjonali u 177 Membru tal-Parlament Ewropew.

Tliet ICMs dwar l-ekonomija, il-baġit u l-impjiegi ġew organizzati fil-qafas tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea (EPW). Peress li l-EPW saret fi Frar, dawn kienu l-unika ICMs fl-2020 fejn il-Membri tal-Parlamenti nazzjonali setgħu jkunu fiżikament preżenti[14].

14 Aktar informazzjoni dwar l-EPW hija disponibbli fil-Kapitolu 2.1.

L-ICM relatata mal-Jum Internazzjonali tan-Nisa, ippjanata għall-5 ta' Marzu, ġiet ikkanċellata minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Din l-okkażjoni ġiet prevista wkoll tiċċelebra l-25 anniversarju tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing.

L-ICMs l-oħra skedati għall-ewwel semestru tal-2020 ġew posposti jew ikkanċellati wkoll[15]. Fit-tieni semestru, l-ICMs ġew organizzati mill-bogħod[16].

Fis-27 ta' Ottubru, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) tal-Parlament Ewropew ikkoorganizza ICM bit-titolu «Better Law Making from a digital perspective» (Tfassil Aħjar tal-Liġijiet minn perspettiva diġitali). Il-laqgħa ffukat fuq ir-rwol li għandha d-diġitalizzazzjoni fil-proċess leġiżlattiv u kif jiġi żgurat li leġiżlazzjoni ġdida tissodisfa r-rekwiżiti moderni.

Fl-10 ta' Novembru, il-Kumitat LIBE organizza ICM bit-titolu «L-ewwel Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt mill-Kummissjoni u r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali», bil-parteċipazzjoni tas-Sur Didier Reynders, il-Kummissarju għall-Ġustizzja. Din il-laqgħa kienet iddedikata għall-kondiviżjoni tal-fehmiet u l-esperjenzi dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fil-kuntest tal-isforzi tal-UE biex tipproteġi u tinforza l-valuri tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-għan tal-laqgħa kien li jiġi vvalutat l-ewwel Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt adottat mill-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2020. L-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ġie diskuss ukoll, b'enfasi partikolari fuq l-iskrutinju eżerċitat mill-Parlamenti nazzjonali matul dan il-perjodu.

Fl-1 ta' Diċembru 2020, l-ewwel Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust ġiet organizzata mill-Kumitat LIBE[17].



Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati dwar il-Eurojust, l-1 ta' Diċembru 2020, Brussell – konnessjoni bil-video ma' Emma Bonino mis-Senat Taljan © Parlament Ewropew

15 Kalendarju tal-attivitajiet interparlamentari mal-Parlamenti nazzjonali għall-2020: L-ewwel semestru (https://europarl.europa.eu/cmsdata/232558/Calendar_1st_semester_2020_-_COP_adopted_marked_030620_(003).pdf).
16 Kalendarju tal-attivitajiet interparlamentari mal-Parlamenti nazzjonali għall-2020: It-tieni semestru (https://europarl.europa.eu/cmsdata/232557/Calendar_2nd_semester_2020_updated_18November.pdf).
17 Aktar dettalji huma disponibbli fil-Kapitolu 3.2.

Fit-2 ta' Diċembru, il-Kumitat AFET organizza ICM bil-parteċipazzjoni tas-Sur Olivér Várhelyi, il-Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir. Il-laqgħa kienet tikkonsisti f'żewġ partijiet: l-ewwel waħda kienet iddedikata għall-Balkani tal-Punent, 25 sena wara l-Ftehim ta' Paċi ta' Dayton; it-tieni waħda għal rispons magħqud tal-UE b'appoġġ għall-bidla demokratika fil-Belarussja.

Il-parteċipazzjoni fl-ICMs tal-Membri tal-Parlamenti nazzjonali żdiedet minn 232 deputat parlamentari fl-2019 għal 302 fl-2020. Kien hemm ukoll żieda żgħira fil-parteċipazzjoni fost il-Membri tal-Parlament Ewropew.

Jidher li fil-biċċa l-kbira tagħha, il-parteċipazzjoni akbar kienet possibbli minħabba l-faċilitajiet il-ġodda għall-parteċipazzjoni f'laqgħat mill-bogħod mingħajr il-ħtieġa li wieħed jivvjaġġa. Dan jista' jwassal għal aktar riflessjoni dwar l-organizzazzjoni tal-ICMs fl-era ta' wara l-COVID-19.

Lista tal-ICMs organizzati mill-Kumitati tal-Parlament Ewropew fl-2020 u statistika aktar dettaljata jistgħu jinstabu fl-Anness II.



Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati mal-Kumitat EMPL tal-PE dwar il-Garanzija Ewropea għat-Tfal, 18 ta' Frar 2020, Brussell © Unjoni Ewropea 2020 – PE/Didier BAUWERAERTS

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Fl-2020, l-ICMs skedati fl-ewwel semestru ġew ikkanċellati jew posposti u qabel it-tifqigħa tal-pandemija ġew organizzati tlieta biss. Fit-tieni semestru, dawn ġew organizzati mill-bogħod.
- Il-parteċipazzjoni tal-MPs nazzjonali fl-ICMs żdiedet b'mod sinifikanti, x'aktarx bħala konsegwenza tal-possibbiltà ta' parteċipazzjoni mill-bogħod.

## 4.2 Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

*Il-movimenti tar-refuġjati u l-migrazzjoni jinsabu fiċ-ċentru tal-attenzjoni globali, u bdew jitqiesu bħala waħda mill-isfidi ewlenin li qed tħabbat wiċċha magħha l-UE f'dawn l-aħħar snin. Il-wasla kontinwa tal-migranti u ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-UE kixfet serje ta' nuqqasijiet u lakuni fil-politiki tal-UE dwar l-ażil, il-fruntieri esterni u l-migrazzjoni. L-għan ta' din il-Konferenza ta' Livell Għoli kien li tagħti bidu għal diskussjoni parlamentari u li tippromwovi djalogu wiesa' dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni.*

Il-President tal-Parlament Ewropew u tal-Bundestag Ġermaniż stiednu lill-Membri tal-Parlamenti nazzjonali u lill-Parlament Ewropew għal Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li saret fid-19 ta' Novembru 2020 fil-Parlament Ewropew fi Brussell, taħt l-awspiċji kemm tal-Parlament Ewropew kif ukoll tal-President tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-laqgħa, li għaliha attendew kważi 150 parteċipant, ġiet koorganizzata mill-Parlament Ewropew u mill-Bundestag Ġermaniż f'kooperazzjoni mal-Parlamenti Portugiżi u Sloveni, iż-żewġ Parlamenti l-oħra tat-Triju ta' Presidenzi.

Il-konferenza fetħet b'diskorsi ewlenin mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni, is-Sur David Sassoli u s-Sinjura Ursula von der Leyen, u l-Presidenti tal-Bundestag Ġermaniż, is-Sur Wolfgang Schäuble, tal-Parlament Portugiż, is-Sur Eduardo Ferro Rodrigues, u tal-Parlament Sloven, is-Sur Igor Zorčič.




President tal-Parlament Ewropew, is-Sur David Maria Sassoli © Unjoni Ewropea 2020 - PE/Daina LE LARDIC

Il-Konferenza ta' Livell Għoli laqqgħet flimkien lill-mexxejja politiċi, lil dawk li jfasslu l-politika u lill-prattikanti, u indirizzat l-kundiviżjoni tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri, filwaqt li jiġu protetti l-fruntieri esterni u jiġu indirizzati l-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni, kif ukoll jiġi żgurat ambjent soċjoekonomiku stabbli u ta' prosperità f'pajjiżi mhux tal-UE. Il-Patt il-ġdid dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni jipproponi li jiġu bbilanċjati l-ħtiġijiet biex jintlaqgħu r-refuġjati, jiġu miġġielda l-faċilitaturi ta' dħul klandestin, u jiġu żgurati l-integrazzjoni u t-trattament xieraq għal kulħadd, inklużi dawk li ma jistgħux

jibqgħu fl-Ewropa. Diversi kelliema għamlu l-punt li l-migrazzjoni hija fenomenu globali li għalih l-UE jeħtiġilha twieġeb b'mod li jsostni l-valuri fundamentali tagħha. Il-parteċipanti laqgħu l-Patt il-ġdid b'aspettattivi għoljin, peress li s-sistema attwali tal-ażil uriet wisq dgħufijiet f'dawn l-aħħar snin. Fl-interventi tagħhom, il-Membri esprimew it-tama tagħhom li l-UE tkun tista' toħloq qafas komuni effiċjenti, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ta' kull Stat Membru. Huma sostnew li l-pajjiżi ta' tranżitu ma għandhomx jitħallew waħedhom jimmaniġġjaw għadd kbir ta' refuġjati u migranti, u li sabiex tkun effettiva, is-sistema l-ġdida tal-UE għall-migrazzjoni u l-ażil għandha tiġi żviluppata f'konformità ma' ċerti prinċipji. L-interventi qajmu l-ħtieġa ta' diviżjoni ġusta tar-responsabbiltà għall-akkoljenza tal-persuni, għall-operazzjonijiet ta' identifikazzjoni, għall-eżami tat-talbiet għall-ażil u għall-akkoljenza tar-refuġjati, u għat-twettiq tar-ripatrijazzjoni. Dan jimplika impenn akbar għar-rilokazzjoni tar-refuġjati fl-Unjoni u r-risistemazzjoni ta' refuġjati minn pajjiżi terzi. Talba għal approċċ aktar koordinat bejn is-servizzi tal-pulizija u dawk ġuridiċi kienet ukoll parti mid-dibattitu bil-ħsieb li jitneħħew in-networks tat-traffikanti kriminali li għalihom ħajja umana tiswa biss daqs il-prezz imħallas lilhom. Aspett ieħor imsemmi mill-parteċipanti kien il-ftuħ ta' kanali legali għall-immigrazzjoni biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol fis-soċjetà tal-UE li qed tixjieħ. Tliet kelmiet ġew ripetuti ta' spiss matul id-dibattiti: l-umanità, is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Fis-sessjoni tal-għeluq, il-Presidenti tal-Parlamenti koorganizzaturi, is-Sur Sassoli u s-Sur Schäuble esprimew it-tama tagħhom li l-UE kienet lesta tikkoopera u tieħu l-azzjoni tagħha dwar il-migrazzjoni u l-ażil għal-livell li jmiss. Il-President tal-Parlament Portugiż, is-Sur Ferro Rodrigues, talab li jingħata segwitu dwar dawn is-suġġetti importanti matul it-tieni Konferenza ta' Livell Għoli, li għandha tiġi organizzata fl-2021 taħt il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill.

### Żviluppi ewlenin fl-2020:

- L-għan ta' din il-Konferenza ta' Livell Għoli li tinbeda diskussjoni interparlamentari dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni ntlaħaq. Il-Konferenzi Futuri ta' Livell Għoli dwar is-suġġett se jkunu parti mill-aġenda interparlamentari għall-2021.

## 4.3 Il-kooperazzjoni interparlamentari fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE u l-assembleji parlamentari multilaterali

*Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali regolarment ipprovda appoġġ u ffaċilita r-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali tal-UE fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE għal assembleji u avvenimenti parlamentari multilaterali speċifiċi. Fl-2020, ma sar l-ebda avveniment politiku kbir f'dan il-qasam. Madankollu, il-Parlament Ewropew ħa f'idejh il-Presidenza tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran, taħt it-tmexxija tal-President Sassoli, bl-għan li jerġa' jniedi l-attivitajiet tiegħu wara li jkun ilu wieqaf għal żmien twil. Il-proċess ta' tkabbir fil-Balkani tal-Punent ingħata spinta ġdida permezz tal-adozzjoni tal-»approċċ il-ġdid» u l-ftuħ tan-negozjati mal-Albanija u mal-Maċedonja ta' Fuq. Is-sena 2020 kienet żmien biex jiġu żviluppati oqfsa ta' kooperazzjoni fil-livell tal-persunal f'diversi oqsma tal-azzjoni esterna tal-UE, b'mod partikolari fl-appoġġ għad-demokrazija u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, id-diplomazija parlamentari, u l-fora multilaterali.*

Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-UE għal numru ta' snin kienet element tal-interazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE, li laħqet lil hinn mill-iskambji konsolidati fil-qafas tal-PESK/PSDK. Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali offra l-appoġġ u l-għarfien espert tiegħu kull meta l-istanzi politiċi tal-Parlament Ewropew ipparteċipaw f'fora u avvenimenti multilaterali flimkien mal-Parlamenti nazzjonali. Tali avvenimenti kienu jinkludu l-Ġimgħa tal-Ukrajna (2016), l-10 Laqgħa ta' Sħubija Parlamentari Asja-Ewropa (ASEP 10, 2018), il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Futur tal-Osservazzjoni Elettorali Internazzjonali (2018), id-Dimensjoni Parlamentari tas-Summit tal-G7 (2019) u l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (2019). Abbażi ta' dawn l-esperjenzi, id-Direttorat beda janalizza modi li bihom jista' jikkontribwixxi għal kooperazzjoni aktar strutturata u kontinwa bejn is-servizzi tal-Parlament Ewropew u l-kontropartijiet tagħhom fil-Parlamenti nazzjonali.

L-għan kien li ċerti attivitajiet u metodi li diġà kienu qed jiġu applikati b'suċċess fil-kooperazzjoni politika u istituzzjonali, fid-djalogu leġiżlattiv u fl-iskrutinju parlamentari jinġiebu fl-oqsma tad-diplomazija parlamentari, tal-appoġġ għad-demokrazija u tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, u tal-azzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. Dawn jinkludu użu b'suċċess ta' networks fil-livell tal-persunal, pjattaformi online għall-iskambju ta' informazzjoni u dokumenti u l-esperjenza fl-involviment mal-Parlamenti nazzjonali f'fora differenti li diġà jadottaw testi politiċi.

L-eżerċizzju laħaq interess ugwali fid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni (DĠ EXPO) tal-Parlament Ewropew, fejn tnedew ukoll riflessjonijiet paralleli dwar l-aħjar prattiki għall-involviment mal-Parlamenti nazzjonali. Għal dan il-għan, id-Direttorat organizza sessjoni ta' ħidma virtwali għar-rappreżentanti tal-Parlament nazzjonali mas-Sur Pietro Ducci, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ EXPO, f'Ġunju 2020.

Fit-22 ta' Settembru 2020, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, flimkien mad-DĠ EXPO, ospita vidjokonferenza għall-kollegi mill-Parlamenti nazzjonali dwar l-appoġġ għad-demokrazija u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Fit-23 ta' Settembru, id-Direttorat għar-Reġjuni tad-DĠ EXPO ppreżenta l-objettivi u l-pjanijiet tal-Presidenza tal-Parlament Ewropew tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran lir-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali.

Fit-30 ta' Ottubru 2020, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali ġie mistieden għat-»Taħditiet ta' Nhar ta' Ġimgħa» tad-DĠ EXPO. Il-laqgħa saret permezz ta' vidjokonferenza u kellha t-titolu «National Parliaments – Partners, not Rivals» (Il-Parlamenti Nazzjonali – Sħab, mhux Rivali). L-għan ewlieni tal-inizjattiva huwa li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-Parlamenti nazzjonali fil-kontributi tagħhom għall-ħidma tad-DĠ EXPO fil-qasam tal-politiki esterni.

Is-sena 2020 rat it-tqegħid tal-pedamenti ta' din il-kooperazzjoni ġdida, u l-ewwel riżultati konkreti f'dawn l-oqsma huma mistennija dalwaqt. In-network dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija, id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet se jibda jopera, b'appoġġ minn sottotaqsima ddedikata fil-pjattaforma l-ġdida IPEX. Avvanzi oħra għandhom jikkonċernaw prinċipalment l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran u fora interparlamentari multilaterali bħall-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (APKE) u l-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE). L-objettiv huwa li l-aġenda ġeopolitika tal-UE tiddaħħal fil-kooperazzjoni parlamentari bħala mezz biex jiġu promossi u msaħħa b'mod aktar effettiv il-pożizzjonijiet, il-valuri u l-interessi Ewropej.

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- L-iżvilupp ta' oqsma ġodda ta' kooperazzjoni bejn id-DĠ EXPO u d-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali fil-qasam tal-attivitajiet u l-avvenimenti mhux ibbażati fuq il-kumitati.
- Il-ħolqien u t-tnedija ta' network strutturat u komunikazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali dwar l-appoġġ għad-demokrazija, biex jiżdiedu l-impatt u l-effiċjenza tad-diplomazija parlamentari, speċjalment fil-viċinat immedjat tagħna fil-Balkani tal-Punent u fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u saħansitra fl-Afrika.

## 4.4 Żjarat bilaterali mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE lill-Parlament Ewropew u skambji bilaterali oħra

*Iż-żjarat bilaterali mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE lill-Parlament Ewropew huma għodda u format li qed jevolvu b'mod kostanti għad-djalogu interparlamentari. Dan il-format huwa ffukat ħafna, imfassal apposta, flessibbli, u kosteffiċjenti u effiċjenti fil-ħin. Dan jippermetti diskussjonijiet dwar kwistjonijiet ta' tħassib lill-Parlamenti nazzjonali individwali.*

*Barra minn hekk, skambji bilaterali oħra ta' fehmiet jistgħu jkunu forma utli ta' kooperazzjoni interparlamentari fuq skala żgħira meta d-deputati parlamentari jkollhom bżonn jibdew kollaborazzjoni, jikkonċentraw fuq suġġetti speċifiċi, jew japprofondixxu l-kollaborazzjoni f'oqsma konkreti ta' interess reċiproku.*

Iż-żjarat bilaterali tradizzjonalment huma forma importanti ta' kooperazzjoni interparlamentari. Il-laqgħat isiru f'diversi livelli u f'diversi formati, mid-diskussjonijiet politiċi tal-ogħla livell għaż-żjarat ta' studju fil-livell tal-persunal tekniku. Kif ippjanat, dawn l-iskambji bdew isiru fil-bidu tal-2020, b'total ta' 16-il żjara organizzati matul l-ewwel xahrejn. L-aħħar żjara fuq il-post saret matul l-ewwel ġimgħa ta' Marzu 2020. Lista dettaljata taż-żjarat u s-suġġetti li koprew tista' tinstab fl-Anness III.

Minn meta faqqgħet il-pandemija, ma kien hemm l-ebda delegazzjoni jew żjara interna jew esterna. Għexieren ta' żjarat ippjanati u ppreparati ġew ikkanċellati jew sospiżi matul l-ewwel ġimgħat tal-pandemija.

Madankollu, dan ma waqqafx il-kuntatti bilaterali. Matul ir-rebbiegħa tal-2020, ġew segwiti b'mod attiv kuntatti bilaterali, l-ewwel permezz ta' telefonati, imbagħad b'mod li qed jevolvi permezz ta' vidjokonferenzi. Ta' min jinnota li l-Parlamenti li qabel kienu ħerqana li jagħmlu żjara kienu attivi wkoll f'laqgħat bit-telefon u virtwali. Dan japplika b'mod partikolari għall-Parlament tar-Renju Unit.

Aktar tard, fit-tieni nofs tas-sena, il-vidjokonferenzi bilaterali bdew isiru karatteristika standard, b'mod partikolari għat-tħejjijiet fil-livell amministrattiv tal-laqgħat bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlament tal-Presidenza, iżda wkoll fil-livell politiku. Il-vidjokonferenzi huma format ta' laqgħa kosteffettiv ħafna għal diskussjonijiet iffukati, pereżempju bejn il-Viċi Presidenti tal-Parlament Ewropew u l-Presidenti tal-kumitati għall-affarijiet tal-UE tal-Parlamenti nazzjonali, bejn il-Presidenti tal-kumitati jew bejn ir-rapporteurs u l-Presidenti tal-kumitati tal-Parlament nazzjonali.

### Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Iż-żjarat bilaterali naqsu minn 62 fl-2019 għal 17 fl-2020, minħabba l-pandemija.
- Il-vidjokonferenzi saru għodda standard ta' skambji bilaterali diretti u ffukati, flimkien mal-laqgħat interparlamentari normali. Dawn issostitwew il-»funzjoni ta' networking» b'mod effiċjenti. Wieħed jista' jassumi li dan se jibqa' bħala parti mil-legat ta' wara l-COVID-19 fil-kooperazzjoni interparlamentari.

# 5. KOOPERAZZJONI LEĠIŻLATTIVA MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-UE

## 5.1 Is-Sistema ta' Twissija Bikrija u l-Protokoll Nru 2 tat-Trattati

*Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà (minqux fl-Artikolu 5 tat-TUE), fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, l-Unjoni għandha taġixxi biss jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati.*

*Il-Parlamenti Nazzjonali jiżguraw il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Dan il-Protokoll jistabbilixxi mekkaniżmu ta' rieżami, is-Sistema ta' Twissija Bikrija (STB). Skont dan il-mekkaniżmu, il-Parlamenti nazzjonali jistgħu, fi żmien tmien ġimgħat mid-data tat-trażmissjoni ta' abbozz ta' att leġiżlattiv, jibagħtu lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet opinjoni motivata li tiddikjara għaliex iqisu li l-abbozz inkwistjoni ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.*

### 5.1.1 Sistema ta' Twissija Bikrija

Fir-rigward tas-STB, is-sottomissjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE jitqiesu taħt il-kategoriji li ġejjin[18]:

1. Opinjoni motivata: jekk jiġu ppreżentati taħt dik l-intestatura u jaslu fi żmien l-iskadenza ta' tmien ġimgħat imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 għat-Trattati[19], u titqajjem il-kwistjoni ta' nuqqas ta' konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.
2. Kontribut: meta s-sottomissjoni ma tissodisfax il-kriterji ta' hawn fuq.

Meta l-opinjonijiet motivati jirrappreżentaw mill-inqas terz tal-voti allokati lill-Parlamenti nazzjonali, l-abbozz ta' att leġiżlattiv irid jiġi rieżaminat (karta safra). L-istituzzjoni li minnha jkun ġej l-abbozz ta' att tista' tiddeċiedi li jew iżżomm l-abbozz, jew temendah, jew inkella tirtirah, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tieħu. Fir-rigward ta' abbozzi ta' atti relatati mal-kooperazzjoni tal-pulizija jew il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, dan il-limitu huwa anqas (kwart tal-voti).

Jekk, fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlamenti nazzjonali b'mill-inqas maġġoranza sempliċi tal-voti jikkontestaw il-konformità ta' proposta leġiżlattiva mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni jeħtiġilha tirrevedi l-proposta tagħha u tiddeċiedi jekk iżżommhiex, tbiddilhiex

18 Ara d-dokument tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-15 ta' Diċembru 2010: «Common approach for the treatment at committee level of national Parliaments' reasoned opinions and all other contributions of national Parliaments» (Approċċ komuni għat-trattament fil-livell tal-kumitat tal-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali u l-kontributi l-oħra kollha tal-Parlamenti nazzjonali).

19 L-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità: «Kull parlament nazzjonali jew kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu, fi żmien tmien ġimgħat mid-data minn meta jirċievu abbozz ta' att leġiżlattiv fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, jibagħtu lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqisu li l-abbozz inkwistjoni ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Kull parlament nazzjonali jew kull kamra ta' parlament nazzjonali jistgħu jikkonsultaw, fejn ikun xieraq, mal-Parlamenti reġjonali li jkollhom setgħat leġiżlattivi».

jew tirtirahiex. Jekk tiddeċiedi li żżomm il-proposta tagħha, il-kwistjoni tiġi rriferuta lil-leġiżlatur (il-Parlament Ewropew u l-Kunsill) u l-Kummissjoni jeħtiġilha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha (proċedura tal-karta oranġjo). Jekk il-leġiżlatur iqis li l-proposta leġiżlattiva mhijiex kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, dan jista' jirrifjutaha b'maġġoranza ta' 55 % tal-Membri tal-Kunsill jew tal-maġġoranza sempliċi tal-voti li jintefgħu fil-Parlament Ewropew. Sal-lum, il-proċedura tal-karta s-safra ntużat tliet darbiet[20], filwaqt li l-proċedura tal-karta oranġjo qatt ma ntużat.

Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI) huwa l-kumitat responsabbli għall-monitoraġġ tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà tal-opinjonijiet motivati[21]. Kull sitt xhur, membru tal-kumitat jinħatar bħala rapporteur permanenti għas-sussidjarjetà abbażi tar-rotazzjoni fost il-gruppi politiċi.

Is-Sur Gilles Lebreton (ID) u s-Sinjura Karen Melchior (RE)[22] issodisfaw ir-rwol tar-rapporteur permanenti għas-sussidjarjetà għas-sena 2020. Il-Kumitat JURI jħejji wkoll regolarment rapport dwar ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

### 5.1.2 Sottomissjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE

Fl-2020, il-Parlament Ewropew irċieva 124 sottomissjoni mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. 13-il sottomissjoni kienu opinjonijiet motivati u 111 kienu kontributi.

Fl-2019, il-Parlament Ewropew irċieva 63 sottomissjoni, li kollha kienu kontributi u l-ebda waħda minnhom ma kienet opinjoni motivata.

Din iż-żieda ta' kważi 50 % fl-għadd ta' sottomissjonijiet li waslu bejn l-2019 u l-2020 tista' tiġi spjegata mill-fatt li fl-2020, minkejja l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament Ewropew kien qed jaħdem bil-kapaċità leġiżlattiva sħiħa tiegħu, għall-kuntrarju tal-2019, li kienet sena elettorali.

20 Il-proċedura tal-karta s-safra ntużat fl-2012 fir-rigward ta' proposta għal regolament tal-Kummissjoni dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi («Monti II»). Il-Kummissjoni fl-aħħar irtirat il-proposta tagħha, filwaqt li qieset madankollu li l-ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà ma kienx ġie stabbilit. Din reġgħet intużat fl-2013 wara s-sottomissjoni tal-proposta għal regolament dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-proposta, billi sostniet li din kienet konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din intużat ukoll fl-2016 kontra l-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema. Il-Kummissjoni tat raġunijiet dettaljati għaż-żamma tal-proposta tagħha, peress li ma kinitx tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi l-kwistjoni tal-ħaddiema stazzjonati hija, skont it-tisfira tagħha stess, waħda transnazzjonali.

21 Il-paragrafu XVI tal-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew jistipula li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali huwa responsabbli għall-»interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-Liġi tal-Unjoni, u għall-konformità tal-atti tal-Unjoni mal-leġiżlazzjoni primarja, b'mod partikolari l-għażla tal-bażi legali u r-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità».

22 Il-»Grupp Identità u Demokrazija» u «Renew Europe» huma gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew.

Kontributi mill-Parlament/Kamra:




Fl-2020 waslu total ta' 111-il kontribut, graff li turi s-sottomissjonijiet mill-Parlament/Kamra.

Fl-2020, tmienja minn 41 Parlament/Kamra (inklużi ż-żewġ Kmamar tar-Renju Unit) issottomettew opinjonijiet motivati u 15 issottomettew kontributi. L-aktar Parlamenti attivi fil-bgħit ta' opinjonijiet motivati kienu l-Parlament Ungeriż, b'ħames opinjonijiet motivati, u l-Parlament Żvediż, bi tnejn. Fir-rigward tal-kontributi, l-aktar Parlamenti/Kmamar attivi kienu rispettivament: il-Parlament Spanjol, bi 32 kontribut sottomess, u l-Parlament Portugiż, b'26. Ara l-istatistika għall-2020 fl-Anness IV.

Opinjonijiet motivati mill-Parlament/Kamra:




Fl-2020 waslu total ta' 13-il opinjoni motivata, graff li turi s-sottomissjonijiet mill-Parlament/Kamra.

Il-kumitati li rċevew l-aktar sottomissjonijiet kienu l-Kumitat għall-Ambjent (tliet opinjonijiet motivati u 19-il kontribut), il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (17-il kontribut) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (ħames opinjonijiet motivati).

Kontributi skont il-kumitat:




Numru ta' kontributi li waslu fl-2020, skont il-kumitat.

Opinjonijiet motivati skont il-kumitat:




Numru ta' opinjonijiet motivati li waslu fl-2020, skont il-kumitat.

Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-2009, intbagħat ammont totali ta' 981 abbozz ta' atti leġiżlattivi lill-Parlamenti nazzjonali għal eżami skont it-termini tal-Protokoll Nru 2. Bħala rispons, il-Parlament Ewropew irċieva total ta' 3 460 sottomissjoni mill-Parlamenti nazzjonali. Minn dawn, 487 huma opinjonijiet motivati (14 %) filwaqt li l-2 973 li jifdal huma kontributi (86 %).

Din l-istatistika tikkonferma li l-Parlamenti nazzjonali tal-UE jużaw il-Protokoll Nru 2 bħala mezz biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sustanza tal-proposti aktar ta' spiss milli dwar is-sussidjarjetà. Dan jista' jirrifletti x-xewqa tagħhom li jkunu involuti aktar mill-qrib fil-proċess leġiżlattiv sostantiv.

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jiżgura li s-sottomissjonijiet kollha li jintbagħtu mill-Parlamenti nazzjonali jkunu disponibbli għall-Membri, għall-korpi politiċi u għas-servizzi tal-Parlament Ewropew u jipprovdihom, b'mod partikolari lir-rapporteurs, b'għarfien espert u b'aġġornamenti speċifiċi dwar is-sottomissjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE matul iċ-ċiklu leġiżlattiv, li jkunu ntużaw bħala kontribut għall-abbozzar tar-rapporti tal-kumitat u għan-negozjati tat-trilogu mal-Kunsill. Id-Direttorat jipprovdi wkoll fatti, ċifri u statistika dwar in-numru u n-natura ta' dawn id-dokumenti u jimmaniġġja l-bażi tad-data CONNECT[23], li fiha l-opinjonijiet motivati u l-kontributi kollha li waslu mill-Parlamenti nazzjonali.

### Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Il-COVID-19 influwenzat in-numru ta' proposti u l-oqsma ta' politika tagħhom u qassret iċ-ċiklu leġiżlattiv biex l-UE tkun tista' tirreaġixxi fil-ħin għat-tixrid tal-pandemija. F'dan ir-rigward, ġew adottati xi liġijiet fi proċedura rapida fejn il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' tmien ġimgħat ma setax jinżamm minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni tas-saħħa fl-Istati Membri kollha.

## 5.1.3 Nota ta' Kull Xahar dwar is-Sitwazzjoni Attwali

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jipproduċi Nota ta' kull xahar dwar is-Sitwazzjoni Attwali dwar l-opinjonijiet motivati u l-kontributi sottomessi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll Nru 2. Din in-Nota, li tintbagħat lill-Membri, lis-servizzi rilevanti tal-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali, tagħti ħarsa ġenerali lejn is-sottomissjonijiet kollha li waslu min-Nota preċedenti u tirreferi għall-fajls leġiżlattivi kollha li jinsabu fuq l-aġenda tas-sessjoni plenarja li jmiss tal-Parlament Ewropew. In-Nota hija inkluża wkoll fil-fajl tal-laqgħa għall-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tal-Parlament Ewropew. In-Nota dwar is-Sitwazzjoni Attwali hija ppubblikata wkoll fuq is-sit web tad-Direttorat qabel kull sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew.

23 Ara aktar fil-Kapitolu 7.2.

## 5.2 Djalogu Politiku Informali u l-Protokoll Nru 1 tat-Trattati

*Il-Protokoll Nru 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Parlamenti nazzjonali tal-UE jistgħu jikkummentaw dwar fajls leġiżlattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE kif ukoll dwar dokumenti mhux leġiżlattivi, pereżempju, fir-rigward tad-dibattiti li għaddejjin fil-livell Ewropew, tal-Green/White Papers tal-Kummissjoni jew tal-komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni. Dawn il-kontributi jiġu ttrattati fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali (IPD).*

Fl-2020, il-Parlamenti nazzjonali tal-UE komplew jagħmlu użu attiv minn din l-għodda, billi ssottomettew 179 kontribut. F'dan il-kuntest, l-aktar tliet Parlamenti/Kmamar attivi fl-2020 kienu s-Senat Ċek (26), is-Senat Rumen (24) u l-Kamra tad-Deputati Rumena (23).




L-erba' kumitati li rċevew l-aktar kontributi tal-IPD kienu l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), bi 28, il-Kumitat għall-Baġits (BUDG), b'20, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON), bi 17, u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI), bi 17 ukoll.




10 opinjonijiet fuq inizjattiva proprja (OWN) mill-Parlamenti nazzjonali ma ġewx assenjati lill-kumitati tal-Parlament Ewropew. Għal-lista sħiħa tal-kumitati tal-Parlament Ewropew u l-abbrevjazzjonijiet tagħhom ara https://www.europarl.europa.eu/committees/mt/about/list-of-committees.

Mill-2009, il-Parlament Ewropew irċieva 2 444 kontribut mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1, li ġew ippubblikati fil-bażi tad-data CONNECT24. Statistika dettaljata dwar il-kontributi riċevuti fl-ambitu tal-IPD fl-2020 hija disponibbli fl-Anness V.

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- In-numru ta' kontributi sottomessi fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali żdied b'55 %, minn 115 fl-2019 għal 179 fl-2020. Din iż-żieda hija probabbli l-aktar minħabba l-fatt li l-2020 kienet l-ewwel sena wara l-elezzjonijiet Ewropej. In-negozjati dwar il-QFP il-ġdid saru wkoll fl-2020.
- Il-Parlamenti Nazzjonali ta' spiss jipprovdu sommarju bl-Ingliż mas-sottomissjonijiet tagħhom bil-lingwa nazzjonali tagħhom kemm fl-ambitu tal-Protokoll Nru 2 kif ukoll fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1. Dan jiffaċilita l-ħidma tal-leġiżlaturi.

24 https://europarl.europa.eu/relnatparl/en/subsidiarity-and-ipd/informal-political-dialogue

# 6. NETWORKS U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

## 6.1 Skambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX)

*L-objettiv tal-Iskambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE (IPEX) huwa li jappoġġja l-kooperazzjoni interparlamentari billi jipprovdi pjattaforma u network għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni relatata mal-UE bejn il-Parlamenti fl-UE. L-IPEX tnieda bħala inizjattiva tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE u ġie żviluppat bl-assistenza teknika tal-Parlament Ewropew. Illum, 39 Kamra ta' 27 Parlament nazzjonali u l-Parlament Ewropew qed jużaw l-IPEX fl-attivitajiet tagħhom ta' kuljum. L-IPEX huwa soġġett għal titjib kontinwu biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-utenti tiegħu. L-għan aħħari huwa li l-IPEX isir «il-punt uniku ta' servizz» għall-attivitajiet interparlamentari.*

*L-IPEX ġie kkaratterizzat b'mod varjat bħala «għodda», «pjattaforma» u «network». Dawn it-tliet definizzjonijiet huma xhieda tal-evoluzzjoni tal-istrument. It-tranżizzjoni tiegħu minn għodda għal network kienet bil-mod iżda issa qed tagħti r-riżultati.*

Is-sena 2020 bdiet bi żvilupp pożittiv ħafna għall-IPEX. Fil-laqgħa tal-Bord IPEX fi Vjenna u sussegwentement fil-laqgħa tas-Segretarji Ġenerali tal-UE, il-Parlament Ewropew ħabbar li huwa jista' jwettaq l-iżvilupp meħtieġ tal-IT għas-sit web il-ġdid tal-IPEX v3 li ilu ppjanat. Dan wassal għall-fażi finali tal-Programm ta' Ħidma IPEX 2017-2020.

L-iżvilupp kostanti ilu karatteristika tal-IPEX sa mill-ħolqien tiegħu. Għalhekk, it-tħejjija tal-pjattaforma l-ġdida IPEX (IPEX v3) u l-adozzjoni tat-tieni programm ta' ħidma pluriennali kienu jirrappreżentaw proġett ambizzjuż ħafna u ammont ta' xogħol impenjattiv għall-atturi kollha involuti fl-esperjenza IPEX.

Il-produzzjoni u t-twaqqif tal-pjattaforma l-ġdida twettqu mid-Direttorat Ġenerali għall-Innovazzjoni u l-Appoġġ Tekniku (DĠ ITEC) tal-Parlament Ewropew. Il-ħidma kompliet matul is-sena, anke jekk il-prijoritajiet tad-DĠ ITEC inbidlu b'mod drammatiku minħabba l-pandemija u l-qabża diġitali li din kienet tirrikjedi. L-iskeda oriġinali għat-tnedija tas-sit web il-ġdid f'Diċembru ma setgħetx tintlaħaq, iżda minkejja dan l-intopp żgħir il-Parlamenti kollha fehmu s-sitwazzjoni.

Il-korpi differenti tal-IPEX (il-Bord, il-Gruppi ta' Ħidma, il-Presidenti) allokaw l-unika laqgħa fiżika tagħhom (Vjenna, 17 ta' Jannar, taħt il-Presidenza Awstrijaka) u d-diversi laqgħat mill-bogħod (5 ta' Ġunju, 15 ta' Ottubru, 26 ta' Novembru, taħt il-Presidenza Finlandiża), għal reviżjoni bir-reqqa tal-ħidma mwettqa matul it-tliet snin preċedenti, u biex jinbena programm ta' ħidma ġdid għat-tliet snin li ġejjin. L-IPEX ukoll kellu jħares lura sabiex iħejji għall-futur.

Parzjalment minħabba li l-iżviluppi previsti tal-IPEX jirrappreżentaw tkabbir konsiderevoli tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tiegħu, l-adozzjoni formali tal-programm ta' ħidma l-ġdid tħalliet tistenna li tittieħed deċiżjoni dwarha fil-laqgħat tal-Bord tal-2021. Dan id-dewmien jirriżulta minn sens kondiviż ta' sjieda tal-IPEX u mit-tħassib kondiviż li dan għandu jkompli jintuża bl-aħjar kapaċità tiegħu. In-

network il-ġdid, flimkien mas-sit web il-ġdid, huwa maħsub li jwessa' l-funzjonalità tan-network IPEX ferm lil hinn minn dik ta' għodda ta' verifika tas-sussidjarjetà u repożitorju tad-dokumenti għal laqgħat u konferenzi interparlamentari. Il-President Finlandiż tal-IPEX kellu l-għan li jkollu «Programm ta' Ħidma Kontinwu» li jista' jiġi rieżaminat fi kwalunkwe ħin matul l-eżekuzzjoni tiegħu, jekk il-Bord jiddeċiedi hekk. Id-diskussjonijiet urew kunsens li l-preċiżjoni teknika tal-bażi tad-data, kif ukoll l-utilità, l-aċċessibbiltà u l-affidabbiltà tan-network IPEX kollu, kellhom jinżammu bħala prijoritajiet ewlenin tal-Programm ta' Ħidma Kontinwu.

Fl-istess ħin, bis-saħħa tal-funzjonijiet avvanzati permessi mis-sistema diġitali l-ġdida, l-IPEX se joffri lill-Parlamenti kapaċità msaħħa biex jiskambjaw kull tip ta' dokument u informazzjoni parlamentari. Għalhekk, l-IPEX irid ikun miftuħ għal inizjattivi u żviluppi interparlamentari ġodda, inkluż it-tisħiħ ta' networks tematiċi interparlamentari (b'mod partikolari dak dwar l-appoġġ għad-demokrazija, u possibbilment dawk dwar is-Semestru Ewropew u dwar il-ġestjoni tal-ambjent).

Il-funzjonijiet il-ġodda inklużi fil-pjattaforma IPEX v3 jirrikjedu li l-programm ta' ħidma l-ġdid jagħti attenzjoni konsistenti lill-attivitajiet ta' taħriġ bil-ħsieb li jiġi żgurat kontribut preċiż minn network ta' korrispondenti ddedikati u li tittejjeb l-utilità tal-IPEX kemm għall-utenti interni kif ukoll għal dawk esterni.

L-għodod il-ġodda tas-sit web se jkollhom rwol importanti wkoll fil-promozzjoni ta' attivitajiet parlamentari u interparlamentari dwar l-affarijiet Ewropej. Is-sit web tal-IPEX għandu jitqies bħala l-post fejn wieħed għandu jirriferi għal informazzjoni dwar l-attivitajiet, id-dokumenti relatati mal-UE tal-Parlamenti nazzjonali, u l-IPCs. Dawn l-iżviluppi jippermettu wkoll li l-IPEX jkollu l-għan li jindirizza lill-utenti għajr il-korrispondenti nazzjonali, u li jagħmel dan b'mod usa'. Dan l-approċċ joħloq opportunitajiet ġodda biex titkabbar l-udjenza potenzjali tal-IPEX u b'hekk isir aktar viżibbli.

Statistika tal-IPEX[25]:

L-IPEX bħalissa jippubblika aktar minn 112 000 paġna maħruġa mill-Parlamenti nazzjonali u mill-istituzzjonijiet tal-UE, filwaqt li jżomm informazzjoni relatata mal-iskrutinju fi kważi 84 000 dokument prodotti mill-Parlamenti nazzjonali u marbuta ma' madwar 12 000 fajl. Fl-2020, l-għadd totali ta' dokumenti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rreġistrati fl-IPEX kien ta' 1 092 (2019: 812; 2018: 1053; 2017: 1064; 2016: 805).

Fl-2020, 426 136 viżitatur uniku żaru s-sit web tal-IPEX, u dan jikkonferma x-xejra ġenerali 'l fuq ta' dawn l-aħħar snin (2019: 342 355; 2018: 285 881; 2017: 307 737; 2016: 253 264; 2015: 234 480). L-għadd ta' żjarat tal-paġni – 25 383 775 – għalkemm inqas mir-rekord tal-2019, għadu ferm ogħla miċ-ċifri għas-snin preċedenti (2019: 43 097 236; 2018: 15 939 723; 2017: 5 736 506).

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Il-Parlament Ewropew beda l-iżvilupp tal-pjattaforma l-ġdida IPEX v3. Għat-tliet snin ta' attività li ġejjin beda proċess kontinwu għall-adozzjoni ta' Programm ta' Ħidma Kontinwu IPEX, li s'issa għadu ma tlestiex.

25 Statistika tal-15 ta' Jannar 2021.

## 6.2 Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)

*Immexxi b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, l-ECPRD jinkludi 66 Kamra parlamentari (inklużi 39 fl-Unjoni Ewropea) minn 54 pajjiż u istituzzjoni tal-UE fost il-membri tiegħu. Kważi 120 korrispondent u viċi korrispondent jirrappreżentaw il-Parlamenti rispettivi tagħhom fin-network u jikkontribwixxu għall-attivitajiet ewlenin tal-ECPRD, li jikkonsistu fi skambju intensiv ta' informazzjoni u l-aħjar prattika.*

Matul il-kriżi tas-saħħa, in-network tal-ECPRD kien attiv ħafna u kompla jiskambja informazzjoni u esperjenzi dwar kif il-Parlamenti wieġbu għall-isfidi tal-pandemija. It-tifqigħa tal-COVID-19 ovvjament kellha impatt profond fuq il-ħidma parlamentari u ntbagħtu diversi talbiet biex isir magħruf kif Kmamar oħra kienu qed jittrattaw is-sitwazzjoni (ara wkoll l-Anness VI). B'reazzjoni għall-ammont kbir ta' informazzjoni miġbura, inħolqot paġna ġdida speċjali tal-COVID-19 fuq is-sit web tal-ECPRD. Din uriet li kienet utli u ta' suċċess kbir peress li ffaċilitat bil-kbir l-aċċess għal data kondiviża.

Il-kriżi tas-saħħa u n-nuqqas ta' kapaċità li l-laqgħat u s-seminars statutorji regolari tal-ECPRD jiġu organizzati b'attendenza personali għamluha neċessarja wkoll li jkun hemm innovazzjoni bl-użu tat-teknoloġiji tal-vidjokonferenzi biex jinżammu l-attivitajiet essenzjali. Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-laqgħat tal-ECPRD huwa li jinżamm network ta' kuntatti personali bejn il-kollegi mill-Parlamenti nazzjonali sabiex jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni, ideat, esperjenzi u prattiki tajbin. Madankollu, il-webinars organizzati fit-tieni nofs tas-sena kellhom il-mertu partikolari li jippermettu parteċipazzjoni akbar tal-kollegi, li wħud minnhom kieku ma kinux jistgħu jivvjaġġaw. Għalhekk huwa probabbli ħafna li din il-prattika tiżviluppa fis-snin li ġejjin, tal-anqas għal xi laqgħat.

Is-sena 2020 serviet ukoll biex ittejjeb il-valur miżjud u l-effettività tal-ECPRD. B'mod partikolari, ingħatat attenzjoni speċjali biex il-fluss kbir ta' informazzjoni li jirriżulta mit-tweġibiet għal talbiet komparattivi jsir aktar viżibbli. Dan inkiseb prinċipalment billi ġie mmodifikat is-sit web u billi ġiet imħeġġa l-pubblikazzjoni ta' aktar sommarji finali, li jistgħu jiġu kondiviżi b'mod aktar wiesa' mad-diversi servizzi parlamentari kkonċernati.

i. Talbiet komparattivi

Fl-2020, il-Parlamenti membri tal-ECPRD issottomettew 326 talba komparattiva lin-network u 8 475 tweġiba, żieda meta mqabbla maċ-ċifra tal-2019 ta' 306 talbiet u 7 310 tweġibiet.

Mhix sorpriża li minn Marzu 2020, in-network tal-ECPRD irċieva ħafna talbiet relatati mal-COVID-19: kważi terz tal-għadd totali ta' talbiet f'April u f'Mejju. Kien hemm ħtieġa ċara li tiġi skambjata

informazzjoni dwar kif il-Parlamenti l-oħra rreaġixxew u li jittieħdu tagħlimiet mill-esperjenza ta' xulxin. Meta wieħed iqis il-fluss dejjem akbar ta' talbiet u tweġibiet, f'April 2020 is-Segretarjat tal-ECPRD iddeċieda li joħloq paġna speċjali tal-COVID-19 fuq is-sit web tal-ECPRD sabiex jorganizza l-fluss sinifikanti ta' informazzjoni.

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali pprovda wkoll appoġġ lis-servizzi tal-Parlament Ewropew billi ffaċilita u bagħat it-talbiet tagħhom lin-network tal-ECPRD. B'kollox, il-Parlament Ewropew issottometta 12-il talba lin-network tal-ECPRD fl-2020. Dan jirrappreżenta tnaqqis żgħir mill-2019, li ra 16-il talba tal-Parlament Ewropew. Madankollu, il-Parlament Ewropew ta 81 tweġiba għal talbiet minn Parlamenti oħra tal-ECPRD, żieda sinifikanti meta mqabbla mad-29 tweġiba li pprovda fl-2019, u mal-31 fl-2018.

ii. Sommarji finali

Is-soluzzjonijiet biex jiġi mħeġġeġ l-abbozzar tas-sommarji finali ilhom jitqiesu, iżda ma nstabet l-ebda soluzzjoni. F'Awwissu 2020, maġġoranza kbira tat-tweġibiet tal-korrispondenti għall-4 475 talba dwar l-effiċjenza tal-ECPRD ikkonfermat il-ħtieġa li jintlaħaq qbil dwar metodoloġija u linji gwida komuni biex jiġu armonizzati s-sommarji finali u titjieb il-viżibbiltà tagħhom.

F'dan ir-rigward, il-verżjoni l-ġdida tas-sit web tal-ECPRD, li ttellgħet online f'Ottubru 2020 bl-appoġġ tas-servizzi tal-IT tal-Parlament Ewropew, kellha l-għan li timmodifika t-tabella tal-korrispondenti sabiex jiġu mistiedna jissottomettu s-sommarji finali tagħhom u jagħtu viżibbiltà lil dawk li jittellgħu fuq is-sit web tal-ECPRD. Wara din ir-riflessjoni, fl-2020, ir-rata ta' sommarji finali tal-ECPRD żdiedet b'mod konsiderevoli, bi 28.8 % tat-talbiet iwasslu għall-pubblikazzjoni ta' analiżi tat-tweġiba (meta mqabbla ma' 16 % fl-2019 u 11.3 % fl-2018).

iii. Laqgħat statutorji

Il-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv skedata li ssir fi Strasburgu f'Marzu ġiet ikkanċellata minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. Il-laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv ġew organizzati mill-bogħod fis-26 ta' Mejju u fl-1 ta' Lulju mill-APKE fi Strasburgu u fil-25 ta' Settembru mill-Parlament tal-Finlandja. L-objettiv ewlieni ta' dawn il-laqgħat kien it-tħejjija tal-Konferenza Annwali li jmiss.

Il-Kumitat Eżekuttiv laqa' t-taqsima speċjali fuq is-sit web tal-ECPRD iddedikata għat-talbiet u t-tweġibiet kollha mill-Parlamenti fil-kuntest tal-COVID-19. Huwa saħaq li, matul dan il-perjodu ta' konfinament, l-ECPRD kellu rwol importanti fl-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, u li wera r-rilevanza u l-effettività tiegħu. Il-Kumitat Eżekuttiv nieda wkoll riflessjoni dwar l-effiċjenza tal-fluss tax-xogħol tal-ECPRD.

Minħabba l-inċertezza dwar l-evoluzzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-laqgħat li ttieħdu f'kull Parlament, il-Konferenza Annwali tal-Korrispondenti tal-ECPRD saret mill-bogħod minn Skopje (il-Maċedonja ta' Fuq) f'Ottubru 2020. Sabiex tiżdied l-effiċjenza tan-network tal-ECPRD, il-Konferenza Annwali tal-Korrispondenti approvat il-konklużjonijiet dwar l-»effiċjenza tal-ECPRD» imħejjija mill-Kumitat Eżekuttiv u qieset li l-abbozzar tas-sommarji finali kien jeħtieġ li jiġi rrakkomandat, imħeġġeġ u appoġġjat b'mod qawwi permezz ta' mezzi teknoloġiċi. Fir-rigward

tan-networks tal-Parlamenti Nazzjonali tal-UE (IPEX, ir-Rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali għall-Parlament Ewropew, il-COSAC), il-Korrispondenti tal-ECPRD tal-UE huma mħeġġa jiskambjaw informazzjoni mal-kollegi kollha tagħhom involuti fir-relazzjonijiet interparlamentari. Ġie ssuġġerit ukoll li l-Parlament Ewropew għandu jeżamina r-rabtiet possibbli mal-IPEX u mar-Rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali sabiex jiġu evitati inkjesti paralleli.

iv. Seminars

Fl-2020, it-tifqigħa tal-COVID-19 affettwat b'mod drammatiku l-organizzazzjoni tas-seminars tal-ECPRD. Fil-bidu tal-lockdown, ittieħdet id-deċiżjoni li jiġu kkanċellati jew posposti l-laqgħat kollha. Hekk kif il-pandemija baqgħet għaddejja, tqieset il-possibbiltà li jsiru seminars mill-bogħod matul it-tieni semestru. Madankollu, ħafna seminars ġew posposti sal-2021, peress li networking tajjeb fost il-parteċipanti jiġi mfixkel mid-distanza fiżika u mit-tul ta' żmien qasir ta' laqgħa virtwali.

Minkejja ċ-ċirkostanzi straordinarji, is-seminar annwali fil-qafas taż-Żona ta' Interess tal-Libreriji, tas-Servizzi ta' Riċerka u tal-Arkivji (LRA) tal-ECPRD, ospitat mill-Parlament Ewropew, sar fit-12 u fit-13 ta' Novembru 2020, bħala avveniment online. Dan is-seminar mill-bogħod attira 50 parteċipant minn 23 Kamra parlamentari u organizzazzjoni internazzjonali u offra forum għall-iskambju fost is-servizzi ta' riċerka, il-libreriji u s-servizzi ta' dokumentazzjoni parlamentari dwar kif il-kriżi tal-COVID-19 affettwat il-metodi ta' ħidma, il-prodotti, is-servizzi u r-riżorsi u x'tip ta' trasformazzjonijiet u innovazzjonijiet ġew promossi sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet.

Is-Sinjura Dita Charanzová, il-Viċi President tal-Parlament Ewropew responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, is-Sur Rainer Wieland, il-Viċi President tal-Parlament Ewropew, u s-Sur Klaus Welle, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, indirizzaw is-seminar, u taw il-fehmiet tagħhom dwar kif il-Parlament Ewropew kompla bil-ħidma tiegħu matul il-pandemija. Is-Segretarjat tal-ECPRD kien involut ukoll fl-organizzazzjoni ta' żewġ webinars oħra minn Vjenna fil-qasam ta' interess «Parliamentary Practice and Procedure» (Prattika u Proċedura Parlamentari), f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Awstrijak: wieħed fis-6 ta' Ġunju bit-titolu «parliamentary privilege and the General Data Protection Regulation» (privileġġ parlamentari u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), u wieħed fit-12 u fit-13 ta' Novembru bit-titolu «parliaments, constitutional law and constitutional change» (parlamenti, liġi kostituzzjonali u bidla kostituzzjonali).

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Fl-2020 ġew introdotti diversi bidliet fuq is-sit web tal-ECPRD. L-aktar importanti jikkonċernaw titjib biex tiżdied il-viżibbiltà tas-sommarji finali.
- Żieda fil-parteċipazzjoni fil-webinars.

## 6.3 Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza

*Il-Parlament Ewropew ippromwova b'mod kostanti kooperazzjoni mill-qrib bejn l-amministrazzjoni tiegħu stess u dawk tal-Parlamenti nazzjonali, b'mod partikolari fil-fażi preparatorja tad-dimensjoni parlamentari ta' kull Presidenza tal-Kunsill tal-UE. Il-Parlament Ewropew joffri lil kull Parlament tal-Presidenza li jmiss l-opportunità li jipparteċipa fi programm organizzat għall-persunal fi Brussell bil-ħsieb li jħejji attivitajiet fil-kuntest tad-dimensjoni parlamentari tal-Presidenza. Il-Parlament Ewropew jista' jipprovdi lill-Parlament tal-Presidenza bi programm ta' appoġġ imfassal apposta, abbażi ta' talbiet, ħtiġijiet u prijoritajiet speċifiċi. Din l-inizjattiva toffri opportunità biex jinħoloq network u jinbnew kuntatti personali ma' dawk kollha involuti u tippermetti l-kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni u tal-għarfien espert, u b'hekk tiffaċilita aktar ħidma u tiżgura konsistenza. Il-Parlament Ewropew jista' jikkontribwixxi għall-ispiża tal-programm fuq bażi kondiviża mal-Parlament nazzjonali korrispondenti.*

F'dawn l-aħħar snin, għadd ta' Stati Membri tal-UE kellhom il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għall-ewwel darba. Il-Parlamenti minn dawn il-pajjiżi kienu partikolarment interessati fil-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza tal-Parlament Ewropew. Il-Presidenza Kroata temmet il-lista ta' pajjiżi tal-UE li kienu qed imexxu l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għall-ewwel darba wara l-adeżjoni tagħhom mal-UE. Madankollu, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali ddeċieda li jestendi l-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza għall-Presidenzi futuri kollha, minħabba li wera li kien għodda utli matul il-fażi preparatorja tal-Presidenzi u minħabba li hemm żviluppi kontinwi fil-kooperazzjoni interparlamentari. F'dawn l-aħħar snin, il-Presidenzi tal-Kunsill tal-UE għamlu aktar enfasi fuq id-dimensjoni parlamentari u investew aktar fiha, biex iżidu l-għadd ta' avvenimenti, laqgħat u inizjattivi li jorganizzaw matul is-semestru tal-Presidenza tagħhom, meta mqabbla ma' għaxar snin ilu.

B'riżultat ta' dan, f'Jannar 2020, ġiet organizzata żjara ta' studju fi Brussell għal 20 uffiċjal tal-Asembleia da República Portugiża li jkunu responsabbli għat-tħejjija tad-dimensjoni parlamentari tal-Presidenza Portugiża matul l-ewwel semestru tal-2021. Dan il-programm imfassal apposta involva kuntatti mas-segretarjati tal-kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew, mas-Servizz tal-Protokoll u mad-dipartimenti tematiċi. L-objettiv tal-laqgħat kien li jiġu skambjati l-esperjenzi u l-aħjar prattiki fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' laqgħat u konferenzi interparlamentari ewlenin, bħall-IPC dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-UE, l-IPC dwar il-PESK/PSDK u l-laqgħat tal-JPSG dwar il-Europol. L-uffiċjali Portugiżi kellhom l-opportunità li jibnu kuntatti personali mal-interlokuturi tagħhom mill-Parlament Ewropew, kuntatti li għenu biex tiġi ffaċilitata l-organizzazzjoni tad-dimensjoni parlamentari tal-Presidenza Portugiża.

Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali ħadem fuq l-adattament tal-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza għaċ-ċirkostanzi partikolari li taħthom il-laqgħat tal-ivvjaġġar u dawk personali kienu ristretti, u kien lest li joffri «żjarat virtwali» lill-Presidenzi futuri interessati, sakemm ikun meħtieġ. Matul l-aħħar trimestru tal-2020, saru tħejjijiet għat-tnedija tal-programm għall-Presidenza Slovena tal-Parlament kmieni fl-2021.

### Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Fl-2020, il-Presidenza Kroata kienet l-aħħar waħda mill-pajjiżi tal-UE li kellhom jieħdu f'idejhom il-Presidenza tal-Kunsill tal-UE għall-ewwel darba wara l-adeżjoni tagħha mal-UE. Il-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza ġie estiż għall-Presidenzi futuri kollha.

## 6.4 Network ta' rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell

*Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jilqa' u jospita lir-rappreżentanti amministrattivi maħtura mill-Parlamenti/Kmamar nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew. Mill-1991, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kooperazzjoni interparlamentari fl-UE, il-Parlament Ewropew offra lir-rappreżentanti spazju tal-uffiċċju komplementari u faċilitajiet interni oħra fuq talba, fil-bini tiegħu fi Brussell u fi Strasburgu.*

Il-Parlamenti nazzjonali tal-UE jibagħtu uffiċjali nazzjonali fi Brussell biex jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet mal-UE. Bħalissa, 56 membru tal-persunal[26] mis-27 Parlament nazzjonali tal-UE qed jokkupaw 36 uffiċċju fil-bini tal-Parlament Ewropew[27]. Dawn l-uffiċjali nazzjonali, minbarra li jingħataw kompiti amministrattivi, huma inkarigati mill-kondiviżjoni reċiproka tal-informazzjoni (bi fluss bidirezzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali tal-UE), bħala fattur ewlieni fl-affarijiet tal-UE.

Ir-rappreżentanti jaħdmu fl-istess bini li jospita d-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali. Dan joħloq diversi sinerġiji u jippromwovi skambji faċli. Fl-2020, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, id-Direttorat u r-rappreżentanti qalbu b'suċċess għal skema li fil-biċċa l-kbira tagħha kienet ibbażata fuq telexogħol, kif għamlet il-biċċa l-kbira tal-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew, skont struzzjonijiet mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarju Ġenerali tiegħu. Ħafna mir-rappreżentanti rritornaw lejn pajjiżhom u għamlu telexogħol minn hemm. Ir-rappreżentanti tal-Parlamenti Nazzjonali kellhom isegwu l-istess restrizzjonijiet fir-rigward tal-ħidma mill-uffiċċju bħall-persunal l-ieħor li jaħdem fil-Parlament Ewropew. Konsegwentement, ċerti servizzi ġew estiżi biex ikopruhom, bħall-aċċess għaċ-ċentru ta' ttestjar tal-COVID-19 fil-Parlament Ewropew.

Peress li l-laqgħat fiżiċi ma kinux aktar possibbli, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali organizza diversi sessjonijiet ta' ħidma u preżentazzjonijiet virtwali mar-rappreżentanti matul it-tieni parti tas-sena, b'mod partikolari fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni tal-Parlament Ewropew, ma' kollegi mid-DĠ EXPO.

### Żviluppi ewlenin fl-2020:

- L-isfidi kkawżati mill-pandemija affettwaw b'mod qawwi l-ħidma tar-rappreżentanti tal-Parlament nazzjonali u ħafna minnhom għamlu telexogħol minn pajjiżhom stess. Ir-rappreżentanti li ħadmu mill-bini tal-Parlament Ewropew kellhom isegwu l-istess restrizzjonijiet bħall-persunal tal-Parlament stess, iżda għal din ir-raġuni setgħu jużaw ukoll ċerti servizzi bħaċ-ċentru ta' ttestjar tal-COVID-19.
- Il-laqgħat jew is-sessjonijiet ta' ħidma fiżiċi mar-rappreżentanti ġew interrotti. Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali introduċa diversi sessjonijiet ta' ħidma u preżentazzjonijiet virtwali, b'mod partikolari dwar ir-relazzjonijiet esterni, ma' kollegi mid-DĠ EXPO.

26 Lista tar-rappreżentanti tal-Parlamenti nazzjonali hija disponibbli fuq: https://europarl.europa.eu/relnatparl/en/networks/representatives-of-national-parliaments

27 Is-sitwazzjoni mill-15 ta' Jannar 2020, inklużi s-segretarjat tal-COSAC u l-uffiċjal tal-informazzjoni IPEX.

## 6.5 Seminars tal-persunal

*Mill-2019, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali organizza serje ta' seminars għall-persunal mill-Parlamenti nazzjonali/Kmamar tal-UE. L-għan tagħhom kien li jlaqqgħu flimkien persunal mill-Parlamenti nazzjonali u mill-Parlament Ewropew sabiex jippreżentaw u jiddiskutu diversi suġġetti Ewropej rilevanti, jitgħallmu minn xulxin u jiskambjaw l-aħjar prattiki. Dan huwa konformi mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Parlamenti nazzjonali[28] li tissuġġerixxi li «interazzjoni aħjar u skambju ta' informazzjoni mtejjeb bejn l-MPE u l-MP u wkoll bejn l-impjegati taċ-ċivil tal-parlamenti nazzjonali jistgħu jgħinu biex jitjieb l-iskrutinju tad-dibattitu Ewropew fil-livell nazzjonali u għalhekk irawwem kultura parlamentari u politika Ewropea».*

Minbarra l-kooperazzjoni interparlamentari fil-livell politiku, żvilupp importanti f'dawn l-aħħar snin kien l-organizzazzjoni ta' seminars tal-persunal sabiex jiġu ffaċilitati l-iskambji tekniċi fil-livell tal-persunal. Is-seminars tal-persunal jipprovdu pjattaforma importanti għall-amministrazzjonijiet tal-Parlamenti biex jorganizzaw skambji aktar speċifiċi u ffukati fuq oqsma ta' interess komuni. Dawn jikkostitwixxu element dinamiku tal-ħidma kemm tal-Parlament Ewropew kif ukoll tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE.

Fis-16 u fis-17 ta' Jannar 2020, id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali, flimkien mal-Unità tas-Sostenn għall-Governanza Ekonomika (EGOV) fid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni, organizza seminar tal-persunal bit-titolu «The launch of the 2020 European Semester cycle» (It-tnedija taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2020), li laqqa' flimkien 44 membru tal-persunal mill-Parlamenti nazzjonali/Kmamar. Is-Seminar iffoka fuq il-kondiviżjoni tal-aktar informazzjoni reċenti dwar is-Semestru Ewropew, inklużi l-prijoritajiet ekonomiċi l-ġodda, u fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u t-titjib tal-fehim taċ-ċiklu l-ġdid tas-Semestru Ewropew permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambju tal-aħjar prattiki.

Seminar tal-persunal ieħor ippjanat għat-23 u għall-24 ta' April, dwar is-suġġett tad-djalogu globali dwar l-iskrutinju postleġiżlattiv, koorganizzat mis-Servizz Ewropew ta' Riċerka Parlamentari (EPRS) u mid-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali f'kooperazzjoni mal-OECD u l-Fondazzjoni Westminster għad-Demokrazija, ġie kkanċellat minħabba l-pandemija. Kien hemm it-tama li dan seta' jiġi riorganizzat fl-2021.

Fit-22 ta' Settembru ġie organizzat seminar virtwali tal-persunal mid-DĠ EXPO biex jitnieda network għall-kollegi li jaħdmu fl-oqsma tal-appoġġ għad-demokrazija u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Dan is-seminar ġabar 46 parteċipant minn 26 Kamra tal-Parlamenti nazzjonali. Dan ġie ffaċilitat mid-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali.

In-Network ta' Skambju Ambjentali, magħmul minn entitajiet amministrattivi responsabbli għall-ġestjoni ambjentali tal-Parlamenti, organizza seminar virtwali fis-27 ta' Novembru 2020. Is-seminar kien koorganizzat mill-Unità tal-EMAS tal-Parlament Ewropew u mill-Kanċellerija tal-Parlament Awstrijak.

Fil-bidu kien skedat ukoll seminar tal-persunal għas-servizzi mediċi tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE, iżda din l-inizjattiva ġiet issostitwita minn avvenimenti.

28 Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw il-parlamenti nazzjonali.

**Żviluppi ewlenin fl-2020:**

- Minkejja l-isfidi mqajma mill-pandemija, ġew organizzati għadd ta' seminars tal-persunal, l-aktar f'format virtwali.
- Ġie ffinalizzat manwal għas-seminars tal-persunal sabiex tiġi ffaċilitata l-organizzazzjoni ta' seminars tal-persunal fil-futur.

# 7. GĦODOD U ATTIVITAJIET TA' APPOĠĠ

## 7.1 L-organizzazzjoni ta' laqgħat mill-bogħod u vidjokonferenzi

*Anke qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament Ewropew kien uża l-vidjokonferenzi bħala għodda biex jiffaċilita l-kooperazzjoni interparlamentari. Għal żmien twil, il-Parlament Ewropew kellu soluzzjonijiet tekniċi biex jippermetti l-vidjokonferenzi b'immaġni u ħsejjes ta' kwalità tajba ħafna, kif ukoll interpretazzjoni f'diversi lingwi. Madankollu, l-użu tal-vidjokonferenzi kien limitat. Matul il-kriżi tas-saħħa, il-ħtieġa li jiġi adattat il-mod ta' ħidma u ta' kooperazzjoni wasslet għal qabża diġitali u teknika kbira fl-organizzazzjoni ta' laqgħat parlamentari mill-bogħod, kif spjegat f'diversi partijiet ta' dan ir-rapport[29].*

Il-Parlament Ewropew, minħabba l-kompożizzjoni speċifika tiegħu ta' Membri minn 27 pajjiż differenti, ilu żmien twil konxju mill-benefiċċji tal-vidjokonferenzi: dan jippermetti kuntatt aktar regolari bejn id-deputati parlamentari filwaqt li jnaqqas il-ħin tal-ivvjaġġar, l-ispejjeż tal-missjonijiet u l-impronta tal-karbonju. Kollox ma' kollox, il-vidjokonferenzi huma għodda kosteffettiva u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent għall-organizzazzjoni tal-laqgħat, u għalhekk ġew investiti riżorsi adegwati biex tiġi appoġġjata. Fir-rigward tal-kooperazzjoni interparlamentari, il-grupp ta' ħidma magħmul taħt il-Presidenza Finlandiża biex jaġġorna l-Linji Gwida għall-Kooperazzjoni Interparlamentari fl-UE rrapporta li użu aħjar tal-mezzi moderni ta' komunikazzjoni jista' jkompli jiffaċilita l-kooperazzjoni interparlamentari, kemm f'kuntesti bilaterali kif ukoll f'dawk multilaterali. Madankollu, fl-2019 ġew organizzati tliet vidjokonferenzi biss fil-kuntest tal-kooperazzjoni interparlamentari. Jidher li dan kien dovut ukoll għal diversi limitazzjonijiet u restrizzjonijiet tekniċi, u għal nuqqas ta' tagħmir adegwat jew kompatibbli f'xi Parlamenti nazzjonali.

It-tifqigħa tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u l-moviment li ġabet magħha ġiegħlet lill-Parlamenti kollha jagħmlu sforzi speċjali biex iżommu l-funzjonijiet ewlenin tagħhom jaħdmu fl-2020. Għal ħafna Parlamenti, dan kien ifisser li titħaffef l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu appoġġjati l-laqgħat mill-bogħod. Il-kooperazzjoni parlamentari u interparlamentari sofriet intopp fil-bidu tal-pandemija, iżda adattat ruħha malajr għal realtajiet ġodda. L-iskambju ta' informazzjoni, l-iskambji ta' fehmiet u l-laqgħat parlamentari tnedew mill-ġdid mill-bogħod.






Is-Sa Roberta Metsola, l-Ewwel Viċi President tal-PE u s-Sa Dita Charanzová, Viċi President tal-PE waqt laqgħa Virtwali tal-COSAC remota, ospitata f'Berlin © Presidenza Ġermaniża

29 Ara pereżempju t-taqsima I dwar «L-effett tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kooperazzjoni interparlamentari».

Il-Parlament Ewropew uża pjattaforma li tippermetti laqgħat multilingwi b'reġim ta' interpretazzjoni sħiħ għal-laqgħat tal-Kumitati u għall-konferenzi interparlamentari. Huwa organizza diversi laqgħat interparlamentari fil-livell tal-kumitat mill-bogħod fl-2020, jiġifieri l-JPSG dwar il-Eurojust, il-Konferenza ta' Livell Għoli dwar il-Migrazzjoni u l-4 ICMs, inkluża dik dwar l-evalwazzjoni tal-Eurojust.

Il-laqgħat mill-bogħod urew ukoll li huma formati partikolarment effiċjenti għal laqgħat informali, laqgħat ad hoc u skambji mmirati ma' kelliema ta' livell għoli.

## Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Il-laqgħat mill-bogħod permezz tal-vidjokonferenzi, li kienu għadhom limitati ħafna fl-2019, saru mezzi ta' komunikazzjoni standard fl-2020, li jvarjaw minn laqgħat bilaterali informali bil-vidjo għal konferenzi kumplessi ta' livell għoli b'diversi parteċipanti.
- Għadd akbar ta' MPs u ta' MEPs ipparteċipaw fil-laqgħat mill-bogħod, kif għamlu ħafna kelliema ta' livell għoli li jidher li kienu aktar faċilment disponibbli għal laqgħat mill-bogħod milli għal dawk wiċċ imb wiċċ.
- Il-Parlament Ewropew għamel qabża kbira fil-kisba tal-għarfien espert tekniku u r-riżorsi rilevanti biex isiru laqgħat mill-bogħod.

## 7.2 CONNECT – il-bażi tad-data tal-Parlament Ewropew ta' sottomissjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali

*Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jipprovdi lill-MEPs (b'mod partikolari lir-rapporteurs) u lill-korpi u lis-servizzi politiċi tal-Parlament Ewropew għarfien espert speċifiku dwar is-sottomissjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali fl-ambitu tal-Protokoll Nri 1 u 2 matul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu. F'dan il-kuntest, id-Direttorat jiġġestixxi l-bażi tad-data CONNECT, li tinkludi d-dokumenti kollha riċevuti mill-Parlamenti nazzjonali mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-ambitu tal-Protokoll Nri 1 u 2. Opinjonijiet motivati relatati mas-Sistema ta' Twissija Bikrija huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.*

Mill-2017, il-bażi tad-data CONNECT tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit web tad-Direttorat[30]. L-informazzjoni kollha f'CONNECT, inklużi l-opinjonijiet motivati u l-kontributi li waslu mill-Parlamenti nazzjonali, hija direttament disponibbli fil-Kumitat elettroniku, fl-ispazju ta' ħidma komuni tad-DĠ IPOL u EXPO, skont il-proċedura li huma relatati magħha. Dan japplika mhux biss għal opinjonijiet motivati iżda wkoll għall-kontributi kollha li waslu mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE.

CONNECT tippermetti lir-rapporteurs, lill-Membri, lill-assistenti u lill-persunal tas-segretarjati tal-kumitati, kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati esterni kollha, li jkollhom rendikont aġġornat u komplut tas-sottomissjonijiet kollha riċevuti mill-Parlamenti nazzjonali fi kwalunkwe mument ta' proċedura leġiżlattiva partikolari. Fl-2020, waslu total ta' 232 sottomissjoni: 115 (49.5 %) ġew sottomessi fil-qafas tal-analiżijiet tas-sussidjarjetà tal-Protokoll Nru 2 u 117-il (50 5 %) kontribut fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali.

Sa tmiem l-2020, kważi 6 000 sottomissjoni (opinjonijiet motivati u kontributi) mill-Parlamenti nazzjonali tal-UE jistgħu jinstabu fil-bażi tad-data CONNECT. Madwar 60 % ġew sottomessi fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-analiżijiet tas-sussidjarjetà u 40 % fl-ambitu tad-Djalogu Politiku Informali.

### Żviluppi ewlenin fl-2020:

- Ġew eżegwiti xi aġġornamenti żgħar, li jirriżultaw f'verżjoni aktar ġdida tal-bażi tad-data CONNECT.

30 https://europarl.europa.eu/relnatparl/en/subsidiarity-and-ipd/welcome

## 7.3 Direttorju ta' Kumitati Korrispondenti (CorCom)

*Id-Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti (CorCom) huwa riżorsa ta' informazzjoni dwar il-kumitati tal-Parlamenti nazzjonali li jikkorrispondu għall-kumitati tal-Parlament Ewropew. Huwa jipprovdi wkoll informazzjoni dwar is-segretarji tal-kumitati differenti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE u tal-Parlament Ewropew. L-informazzjoni inkluża fid-Direttorju relatata mal-Parlamenti nazzjonali hija pprovduta mir-rappreżentanti permanenti bbażati fi Brussell tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE.*

CORCOM

Wara l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni f'Mejju 2009[31] dwar l-iżvilupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlamenti nazzjonali tal-UE u l-Parlament Ewropew (rapporteur is-Sur Elmar Brok), ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ġew riveduti kif xieraq, u issa jiddikjaraw li «[k]umitat jista' jidħol fi djalogu direttament ma' parlamenti nazzjonali fil-livell ta' kumitati, fil-limiti tal-approprjazzjonijiet baġitarji allokati għal dak il-għan. Dan jista' jinkludi forom xierqa ta' kooperazzjoni pre-leġiżlattiva u post-leġiżlattiva.» (Artikolu 150.3).

L-applikazzjoni CorCom titjieb kontinwament biex tissodisfa l-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-utenti tagħha. Din saret applikazzjoni bbażata fuq l-internet[32], li hija ħafna aktar faċli għall-utent u mgħammra b'firxa sħiħa ta' karatteristiċi ġodda. L-għadd medju ta' żjarat tal-paġni ta' kull xahar huwa ta' 392. Il-bażi tad-data bdiet ukoll aġġornament wara l-ħolqien ta' kumitati parlamentari ġodda fil-Parlament Ewropew fl-2020.

31 Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-iżvulupp tar-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali taħt it-Trattat ta' Liżbona.

32 Il-CorCom huwa għall-użu intern biss. Dan huwa disponibbli fuq l-intranet tal-Parlament Ewropew.

## 7.4 Il-pubblikazzjonijiet tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali

*Id-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali jipproduċi għadd ta' pubblikazzjonijiet.*

*L-Aġenda ta' Kull Ġimgħa tipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet li jinvolvu lill-Parlamenti nazzjonali bil-ħsieb li jiżdiedu t-trasparenza u l-viżibbiltà tal-bosta attivitajiet interparlamentari li jseħħu.*

*In-Nota ta' kull xahar dwar is-Sitwazzjoni Attwali tipprovdi informazzjoni dwar opinjonijiet motivati u kontributi sottomessi mill-Parlamenti nazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Protokoll Nru 2.*

*«Spotlight on Parliaments in Europe» (Spotlight fuq il-Parlamenti fl-Ewropa) jiġbor fil-qosor l-informazzjoni li ġiet skambjata dwar kwistjonijiet topiċi magħżula fost il-Parlamenti fin-network tal-ECPRD.*

Fl-2020, id-Direttorat ħejja pubblikazzjonijiet dwar is-suġġetti li ġejjin:

- It-tfal ta' refuġjati u migranti neqsin fl-Ewropa;
- Informazzjoni relatata mal-COVID-19 dwar l-aġġustament tal-attività parlamentari; il-prospett ta' sessjonijiet u votazzjoni mill-bogħod; miżuri preventivi u sanitarji fil-Parlamenti; il-liġijiet ta' emerġenza u l-miżuri legali; restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' dimostrazzjoni; u l-istat tal-miżuri fil-Parlamenti;
- sorveljanza Parlamentari tal-Kunsill Ewropew.

L-Aġenda ta' Kull Ġimgħa tintbagħat kull nhar ta' Ġimgħa bil-posta elettronika lill-Membri u lis-servizzi kollha tal-Parlament Ewropew. Fl-2020, intbagħtu 34 Aġenda ta' Kull Ġimgħa. Il-pubblikazzjoni tkopri avvenimenti interparlamentari tal-ġimagħtejn li ġejjin, bħall-konferenzi interparlamentari, l-ICMs u ż-żjarat bilaterali. L-informazzjoni pprovduta tinkludi d-data, il-post, u l-MEPs u s-servizzi tal-Parlament involuti.

Id-Direttorat jipproduċi wkoll Nota ta' kull xahar dwar is-Sitwazzjoni Attwali dwar l-opinjonijiet motivati u l-kontributi sottomessi mill-Parlamenti nazzjonali (ara l-kapitolu 5.1.3.).[33]

Il-pubblikazzjonijiet kollha[34] huma disponibbli fuq is-sit web tad-Direttorat, li jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-pubblikazzjonijiet li ġejjin tad-Direttorat[35].

Fl-2020, id-Direttorat beda jintroduċi identità viżwali ġdida fil-pubblikazzjonijiet u fl-għodod ta' komunikazzjoni tiegħu.

33 https://www.europarl.europa.eu/relnatparl/en/subsidiarity-and-ipd/state-of-play-note
34 https://europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/publications
35 https://europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/news

# 8. DIRETTORAT GĦAR-RELAZZJONIJIET MAL-PARLAMENTI NAZZJONALI

Is-sena 2020 kienet sena ta' sfidi kbar u kważi kulħadd kellu jadatta għal realtajiet ġodda fl-ambjent tax-xogħol tiegħu. Dan ovvjament ma kienx differenti għad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali. Id-Direttorat malajr aġġusta l-ħidma tiegħu għaċ-ċirkostanzi partikolari sabiex jipprovdi appoġġ ta' kwalità għolja lill-Membri tal-Parlament Ewropew u lil diversi sħab tiegħu. Huwa adatta kif meħtieġ sabiex ikompli jiżviluppa l-kooperazzjoni istituzzjonali u d-djalogu leġiżlattiv mal-Parlamenti nazzjonali tal-UE u jipprovdi assistenza għal diversi avvenimenti interparlamentari.

Id-Direttorat jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet interparlamentari, jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-kooperazzjoni interparlamentari u jaġixxi bħala ċentru tal-għarfien għal informazzjoni dwar il-Parlamenti nazzjonali tal-UE. Jirrappreżenta l-Parlament Ewropew fin-networks amministrattivi ta' kooperazzjoni interparlamentari. Jamministra r-relazzjonijiet mal-uffiċjali li jirrappreżentaw lill-Parlamenti nazzjonali tal-UE fi Brussell u jżomm rabtiet mill-qrib mal-amministrazzjonijiet tagħhom.

Id-Direttorat huwa grat għall-appoġġ kontinwu tas-Segretarju Ġenerali u tad-Deputat Segretarju Ġenerali kif ukoll tas-servizzi kollha fid-Direttorati Ġenerali tal-Parlament Ewropew li jikkoopera magħhom. Is-servizzi tal-IT u tal-konferenzi kienu partikolarment imfittxija u kienu ta' għajnuna kbira għall-attivitajiet tad-Direttorat din is-sena.

Direttur: **Katrin Ruhrmann**

Id-Direttorat jikkonsisti f'żewġ unitajiet:

- Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali

L-oqsma ta' responsabbiltà tal-Unità tal-Kooperazzjoni Istituzzjonali jinkludu l-kooperazzjoni multilaterali regolata, jiġifieri l-EUSC, il-laqgħat tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlamenti tal-UE u tal-COSAC. L-Unità tittratta wkoll in-networks stabbiliti, b'mod partikolari l-IPEX u l-ECPRD, kif ukoll tittratta l-kooperazzjoni mad-DĠ EXPO u tikkoordina l-Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza u ż-żjarat għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet.

Il-Kap tal-Unità: **Pekka Nurminen**

- Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv

L-Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv hija prinċipalment responsabbli għad-djalogu politiku u leġiżlattiv mal-Parlamenti nazzjonali. Hija tippjana, tikkoordina u torganizza laqgħat interparlamentari fil-livell tal-kumitat, inklużi l-ICMs, il-Ġimgħa Parlamentari Ewropea u l-JPSG dwar il-Europol. Din tiżgura wkoll il-monitoraġġ tal-analiżi tas-sussidjarjetà u s-segwitu mar-rapporteurs u l-kumitati tal-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. L-Unità torganizza wkoll seminars tematiċi li jlaqqgħu flimkien lill-amministrazzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Parlament nazzjonali, u hija responsabbli għall-bażijiet tad-data CONNECT u CorCom.

Il-Kap tal-Unità: **Jesús Gómez**

Dan ir-rapport, kif ukoll aktar informazzjoni relatata mar-relazzjonijiet tal-Parlament Ewropew mal-Parlamenti nazzjonali tal-UE, jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew:

https://europarl.europa.eu/relnatparl/en/home/annual-reports

# ANNESS

## ANNESS I – Laqgħat tal-COSAC – Suġġetti u Kelliema Ewlenin tal-2020

| Avveniment tal-COSAC | Post, data | Suġġetti | Kelliema/membri tal-panel tal-Parlament Ewropew |
|---|---|---|---|
| Laqgħa tal-Presidenti | Zagreb, 19-20 ta' Jannar 2020 | I Prijoritajiet tal-Presidenza Kroata tal-Kunsill tal-UE<br>II L-Unjoni Ewropea, il-Parlamenti nazzjonali u l-COSAC fil-mandat istituzzjonali l-ġdid | Is-Sinjura Mairead McGuinness, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew |
| It-Trojka Presidenzjali tal-COSAC | Vidjokonferenza, 20 ta' Mejju 2020 | Tħejjija tal-Laqgħa Straordinarja tal-Presidenti tal-COSAC tas-16 ta' Ġunju 2020 | |
| Laqgħa Straordinarja tal-Presidenti tal-COSAC<br>(li tissostitwixxi l-Laqgħa plenarja tal-COSAC tal-LXIII li ġiet ikkanċellata) | Vidjokonferenza, 16 ta' Ġunju 2020 | I Reazzjoni Ewropea komuni għat-tifqigħa tal-COVID-19 u riperkussjonijiet fuq il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027<br>II Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa | Is-Sur Jan Olbrycht, MEP, korapporteur dwar il-QFP<br>Is-Sinjura Mairead McGuinness, l-Ewwel Viċi President tal-Parlament Ewropew |
| Skambju Informali ta' fehmiet man-Negozjatur Ewlieni tal-UE Michel BARNIER | Vidjokonferenza, 26 ta' Ġunju 2020 | Is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit | |
| It-Trojka Presidenzjali tal-COSAC | Vidjokonferenza, 13 ta' Lulju 2020 | Tħejjija tal-Laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC tal-14 ta' Settembru 2020 | |
| Laqgħa tal-Presidenti | Vidjokonferenza, 14 ta' Settembru 2020 | I Rapport mill-Gvern Federali Ġermaniż dwar il-prijoritajiet tal-Presidenza Ġermaniża<br>II L-indirizzar tal-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19<br>u t-tagħlimiet meħuda | |
| Skambju Informali ta' fehmiet man-Negozjatur Ewlieni tal-UE Michel BARNIER | Vidjokonferenza, 17 ta' Settembru 2020 | Is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Skambju Informali mal-Viċi President tal-Kummissjoni Věra JOUROVÁ u l-Kummissarju Didier REYNDERS | Vidjokonferenza, 29 ta' Ottubru 2020 | L-ewwel Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt | |
| Skambju Informali ta' fehmiet mal-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Margrethe VESTAGER | Vidjokonferenza, 23 ta' Novembru 2020 | Rieżami tal-politiki tal-kompetizzjoni, tal-istrateġija industrijali u tat-trasformazzjoni diġitali | |
| It-Trojka Presidenzjali tal-COSAC | Vidjokonferenza, 27 ta' Novembru 2020 | Tħejjija tal-Laqgħa tal-COSAC Virtwali tat-30 ta' Novembru u tal-1 ta' Diċembru 2020 | |
| Laqgħa tal-COSAC Virtwali<br>(li tissostitwixxi l-Laqgħa plenarja tal-COSAC tal-LXIV li ġiet) | Vidjokonferenza, 30 ta’ Novembru-1 ta’ Diċembru 2020 | I Bidu mill-ġdid għar-relazzjonijiet transatlantiċi?<br>II Tagħlimiet meħuda mill-kriżi tal-COVID-19 – kooperazzjoni<br>fl-UE fil-każ ta’ pandemiji u fil-kura tas-saħħa<br>III Rieżami tal-Presidenza Ġermaniża tal-UE<br>IV Il-futur tal-Unjoni Ewropea<br>V Ir-rwol tal-Ewropa fid-dinja – sħubija responsabbli<br>mal-Afrika | |

Għal informazzjoni aktar dettaljata dwar l-aġendi tal-laqgħat tal-COSAC kif ippubblikati mill-Presidenzi, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web IPEX: www.ipex.eu

# ANNESS II – Il-laqgħat Interparlamentari tal-Kumitati u l-Konferenzi Interparlamentari organizzati mill-Parlament Ewropew fi Brussell fl-2020

| | | | | Numru ta' parteċipanti: | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Data | Kumitat tal-PE | Événement | | Parlamenti Nazzjonali | | | PE |
| | | Tip ta' żjara | Titlu tal-laqgħa | Membri | Parlamenti | Kmamar | Membri |
| 18-19 ta' Frar 2020 | Il-Kumitat ECON<br>Il-Kumitat EMPL<br>Il-Kumitat BUDG | **Ġimgħa Parlamentari Ewropea:**<br>• Konferenza dwar is-Semestru Ewropew | Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea | **111** | **28** | **34** | **Plenarja jum 1: 17**<br>**Plenarja jum 2: 12**<br>**ECON ICM: 12**<br>**BUDG ICM: 7**<br>**EMPL ICM: 30** |
| 28-29 ta' Settembru 2020 | Il-Kumitat LIBE | Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol | Is-seba' Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol | **72** | **25** | **36** | **Preżenza fiżika: 6**<br>**Konnessjoni mill-bogħod: 9** |
| 27 ta' Ottubru 2020 | Il-Kumitat JURI | Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati | Tfassil Aħjar tal-Liġijiet minn perspettiva diġitali | **38** | **26** | **27** | **Preżenza fiżika: 3**<br>**Konnessjoni mill-bogħod: 4** |
| 10 ta' Novembru 2020 | Il-Kumitat LIBE | Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati | L-ewwel Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt mill-Kummissjoni u r-rwol tal-Parlamenti nazzjonali | **51** | **23** | **31** | **Preżenza fiżika: 2**<br>**Konnessjoni mill-bogħod: 18** |
| 19 ta' Novembru 2020 | Il-Kumitat LIBE<br>Il-Kumitat DEVE | Konferenza Interparlamentari ta' Livell Għoli | Il-migrazzjoni u l-Ażil fl-Ewropa | **71** | **24** | **32** | **Preżenza fiżika: 4**<br>**Konnessjoni mill-bogħod: 40** |
| 1 ta' Diċembru 2020 | Il-Kumitat LIBE | Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati | Evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-Eurojust | **46** | **26** | **32** | **Preżenza fiżika: 3**<br>**Konnessjoni mill-bogħod: 20** |
| 2 ta' Diċembru 2020 | Il-Kumitat AFET | Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati | Il-Balkani tal-Punent: 25 sena wara l-Ftehimiet ta' Dayton<br>Rispons magħqud tal-UE b'appoġġ għall-bidla demokratika fil-Belarussja | **56** | **26** | **32** | **Preżenza fiżika: 4**<br>**Konnessjoni mill-bogħod: 45** |
| **In-numru totali ta' parteċipanti** | | | | **445** | | | **236** |

## ANNESS III – Żjarat tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE fil-Parlament Ewropew fl-2020 (inklużi vidjokonferenzi ffaċilitati mid-Direttorat)

| Data/i | Pajjiż u Kamra | Viżitatur | Ma' min iltaqa' l-viżitatur fil-PE | Tip ta' żjara | In-numru ta' MPs parteċipanti | Numru ta' membri tal-persunal parteċipanti |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08-09/01/2020 | RENJU UNIT – House of Commons | Il-Persunal | L-MEP Nethsinga, il-persunal tal-PE | Il-Persunal | 0 | 13 |
| 20/01/2020 | IN-NETHERLANDS – Tweede Kamer | Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi | L-MEP Jongerius, l-MEP Lenaers, l-MEP Van Sparrentak | L-MPs | 5 | 6 |
| Il-21 ta' Jannar 2020 | FRANZA – Assemblée Nationale | L-MP Crouzet | L-MEP Decercle | L-MPs | 1 | 2 |
| 22-23/01/2020 | RENJU UNIT – House of Commons | Il-Persunal | Il-persunal tal-PE | Il-Persunal | 0 | 13 |
| 22/01/2020 | FRANZA – Assemblée Nationale | L-MP Gouttefarde u l-MP de Ganay | L-MEP Nethsingha, President tal-Kumitat JURI | L-MPs | 2 | |
| 23/01/2020 | FRANZA – Assemblée Nationale | L-MP Bono-Vanndorme u l-MP Deprez-Audebert | L-MEP Verheyen, l-MEP Zver | L-MPs | 2 | |
| 28/01/2020 | FRANZA – Assemblée Nationale | L-MP Janvier u l-MP Pueyo | L-MEP Loiseau, President tal-Kumitat SEDE | L-MPs | 2 | 1 |
| 28-29/01/2020 | RENJU UNIT – House of Commons | Il-Persunal | L-MEP Loiseau, President tal-Kumitat SEDE, l-MEP Hannan, l-MEP In ' t Veld | Il-Persunal | 0 | 10 |
| 29/01/2020 | FRANZA – Assemblée Nationale | L-MP Vichnievsky u l-MP Gosselin | L-MEP Didier | L-MPs | 2 | 1 |
| 04/02/2020 | IL-ĠERMANJA – Bundestag | Kumitat għall-Affarijiet tal-UE | Il-VP MEP Wieland, l-MEP Simon, l-MEP Bischoff, l-MEP Freund, l-MEP Beer, l-MEP Scholz, l-MEP Beck | L-MPs | 29 | 9 |
| 05-06/02/2020 | IN-NORVEĠJA – Storting | Żjara minn Membri tal-Parlament | L-MEP Auken, l-MEP Federley, l-MEP Schaldemose, l-MEP Kohut, l-MEP Danielsson | L-MPs | 12 | 3 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06/02/2020 | Il-FINLANDJA – Eduskunta | Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin | L-MEPs tal-Kumitat AFET | L-MPs | 8 | 1 |
| 11-13/02/2020 | Il-FINLANDJA – Eduskunta | L-MP Kärnä | L-MEP Kumpula-Natrin, l-MEP Pekkarinen | MP | 1 | 1 |
| 17/02/2020 | IN-NETHERLANDS – Tweede Kamer | Kumitat Permanenti dwar il-Ġustizzja u s-Sikurezza | L-MEP Azmani, l-MEP In ‘ t Veld, l-MEP Lenaers, l-MEP Sippel | L-MPs | 4 | 4 |
| 17/02/2020 | IR-RUMANIJA – Camera Deputatilor | Kelliema | Il-President Sassoli | Kelliema | 1 | 4 |
| 20/02/2020 | FRANZA – Assemblée Nationale | L-MP Degois | L-MEP Canfin, President tal-Kumitat ENVI | L-MPs | 1 | 2 |
| 02-03/03/2020 | Il-FINLANDJA – Eduskunta | Żjara ta' Studju minn Membri tal-Parlament | L-MEP Katainen, l-MEP Heinäluoma, l-MEP Hakkarainen, l-MEP Torvalds, l-MEP Hautala u l-persunal tal-PE | L-MPs | 10 | 7 |
| 20/11/2020 | IL-GREĊJA – Il-Parlament Elleniku | President tal-Kumitat għad-Difiża Nazzjonali u l-Affarijiet Barranin (vidjokonferenza) | L-MEP Loiseau, President tal-Kumitat SEDE | MP | 1 | |
| 1 ta' Diċembru 2020 | IL-GREĊJA – Il-Parlament Elleniku | President tal-Kumitat għad-Difiża Nazzjonali u l-Affarijiet Barranin (vidjokonferenza) | L-MEP McAllister, President tal-Kumitat AFET | MP | 1 | |
| 15/12/2020 | Il-PORTUGALL – Assembleia da República | President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-UE (vidjokonferenza) | Il-VP MEP Metsola | MP | 1 | |
| 16/12/2020 | IL-LITWANJA – Seimas | President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (vidjokonferenza) | L-MEP McAllister, President tal-Kumitat AFET | L-MPs | 1 | |
| 23/12/2020 | Il-POLONJA – Senat | President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-UE (vidjokonferenza) | Il-VP MEP Metsola | MP | 1 | |

## ANNESS IV – Data tas-Sistema ta' Twissija Bikrija

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li huwa responsabbli għal kwistjonijiet relatati mal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà fil-Parlament Ewropew, ipprovda dawn id-definizzjonijiet li ġejjin għal sottomissjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali:

- -«**Opinjonijiet motivati**» huma sottomissjonijiet li jindikaw in-nuqqas ta' konformità ta' abbozz ta' att leġiżlattiv mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u ġew ikkomunikati lill-Parlament Ewropew fl-iskadenza ta' tmien ġimgħat imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattati.
- «**Kontributi**» jindikaw kwalunkwe sottomissjoni oħra li ma tissodisfax il-kriterji elenkati hawn fuq għal opinjoni motivata.

| Sottomissjonijiet riċevuti mill-Parlamenti nazzjonali fl-2020 | | | |
|---|---|---|---|
| | | Opinjonijiet motivati | Kontributi |
| Stat Membru | Parlament/Kamra | 2020 | 2020 |
| L-Awstrija | Nationalrat | 0 | 0 |
| L-Awstrija | Bundesrat | 1 | 1 |
| Il-Belġju | Chambre des Représentants | 0 | 0 |
| Il-Belġju | Sénat | 0 | 0 |
| Il-Bulgarija | Narodno Sabranie | 0 | 0 |
| Il-Kroazja | Hrvatski Sabor | 0 | 0 |
| Ċipru | Vouli ton Antiprosópon | 0 | 0 |
| Iċ-Ċekja | Poslanecká sněmovna | 1 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Senát | 0 | 7 |
| Id-Danimarka | Folketinget | 1 | 0 |
| L-Estonja | Riigikogu | 0 | 0 |
| Il-Finlandja | Eduskunta | 0 | 0 |
| Franza | Assemblée Nationale | 0 | 8 |
| Franza | Sénat | 1 | 1 |
| Il-Ġermanja | Bundestag | 0 | 0 |
| Il-Ġermanja | Bundesrat | 0 | 5 |
| Il-Greċja | Vouli ton Ellinon | 0 | 4 |
| L-Ungerija | Országgyűlés | 5 | 0 |
| L-Irlanda | Houses of Oireachtas | 0 | 0 |
| L-Italja | Camera dei deputati | 0 | 8 |
| L-Italja | Senato | 0 | 5 |
| Il-Litwanja | Seimas | 0 | 0 |
| Il-Lussemburgu | Chambre des Députés | 0 | 0 |
| Il-Latvja | Saeima | 0 | 0 |
| Malta | Kamra tar-Rappreżentanti | 1 | 0 |
| In-Netherlands | Tweede Kamer | 0 | 0 |
| In-Netherlands | Eerste Kamer | 1 | 1 |
| Il-Polonja | Sejm | 0 | 0 |
| Il-Polonja | Senat | 0 | 1 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Portugall | Assembleia da República | 0 | 26 |
| Ir-Rumanija | Camera Deputaților | 0 | 0 |
| Ir-Rumanija | Senat | 0 | 8 |
| Spanja | Congreso / Senado | 0 | 32 |
| L-Iżvezja | Riksdagen | 2 | 0 |
| Is-Slovenja | Državni Zbor | 0 | 0 |
| Is-Slovenja | Državni Svet | 0 | 0 |
| Is-Slovakkja | Národná rada | 0 | 1 |
| Ir-Renju Unit | House of Commons | 0 | 0 |
| Ir-Renju Unit | House of Lords | 0 | 0 |
| **TOTAL** | | **13** | **111** |

## ANNESS V – Kontributi fl-ambitu tal-Protokoll 1 – Djalogu Politiku Informali

Din it-tabella telenka d-dokumenti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE mibgħuta bi tweġiba għall-abbozzi ta' atti leġiżlattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE, kif ukoll għal varjetà kbira ta' dokumenti mhux leġiżlattivi, bħal Green/White Papers jew komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea li jaqgħu taħt il-Protokoll Nru 1 tat-Trattati.

| Kontributi li waslu mill-Parlamenti nazzjonali fl-2020 | | |
|---|---|---|
| **Stat Membru** | **Parlament/Kamra** | **Kontributi** |
| Iċ-Ċekja | CZ Senát | 26 |
| Ir-Rumanija | RO Senat | 24 |
| Ir-Rumanija | RO Camera Deputaților | 23 |
| Iċ-Ċekja | CZ Poslanecká sněmovna | 19 |
| Franza | FR Sénat | 17 |
| Il-Ġermanja | DE Bundesrat | 17 |
| L-Italja | IT Camera dei Deputati | 15 |
| Il-Portugall | PT Assembleia da República | 12 |
| In-Netherlands | NL Eerste Kamer | 7 |
| Franza | FR Assemblée Nationale | 5 |
| Il-Ġermanja | DE Bundestag | 3 |
| Il-Litwanja | LT Seimas | 3 |
| L-Awstrija | AT Nationalrat | 2 |
| Il-Belġju | BE Sénat/Senaat | 2 |
| Il-Polonja | PL Sejm | 2 |
| Il-Kroazja | HR Hrvatski Sabor | 1 |
| Id-Danimarka | DK Folketing | 1 |
| **TOTAL** | | **179** |

## ANNESS VI – Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari (ECPRD)

**A. Kwistjonijiet li dwarhom entitajiet politiċi u servizzi amministrattivi tal-Parlament Ewropew ikkonsultaw lin-network tal-ECPRD fl-2020 permezz ta' talbiet komparattivi:**

- L-implimentazzjoni tar-Regolament Dublin III
- Ir-rekwiżiti kostituzzjonali previsti fl-Istati Membri biex japprovaw modifiki għall-Att Elettorali Ewropew (l-Artikolu 224 tat-TFUE)
- L-involviment tal-parlamenti tal-Istati Membri f'attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, fil-Moldova, fil-Georgia, fl-Ukrajna u fit-Tuneżija
- Spejjeż tal-ivvjaġġar tal-membri – Karta personalizzata tal Parlament Spanjola
- Assistenza amministrattiva lill-kumitati responsabbli għall-affarijiet baġitarji
- Ostakoli għall-moviment liberu tal-familji qawsalla
- Kwestjonarju dwar l-effiċjenza tan-network tal-ECPRD
- Il-possibbiltà li jitressqu petizzjonijiet jew talbiet lill-Parlament bil-lingwi tas-sinjali
- Politiki dwar id-diżabilità fil-Parlamenti nazzjonali
- L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-UE għall-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa
- Inizjattivi ta' mindfulness fil-Parlamenti nazzjonali
- Il-ġestjoni finanzjarja tal-gruppi ta' viżitaturi tal-Parlament nazzjonali

**B.Il-Parlament Ewropew ipprovda tweġibiet għal talbiet minn Parlamenti oħra tal-ECPRD dwar is-suġġetti li ġejjin**

- Votazzjoni elettronika fil-prattika
- Detenturi ta' uffiċċji politiċi/pubbliċi: parteċipazzjoni f'organizzazzjonijiet sigrieti jew «diskreti»
- Id-drittijiet għal-liv tal-paternità fost il-minoranzi sesswali
- Allokazzjoni ta' ħinijiet għad-diskorsi fis-sessjonijiet plenarji
- Sistema ta' ġestjoni tal-avvenimenti
- L-użu ta' YouTube fil-Parlament
- Riżenja tal-Membri tal-Parlament
- L-awtonomija finanzjarja tal-Parlamenti
- Konformità mar-regoli fiskali
- Ġuramenti u ġesti
- Miżuri ta' prekawzjoni meħuda fil-bini tal-Parlament biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' tixrid tal-COVID-19
- Interjezzjonijiet fit-traskrizzjonijiet
- Traskrizzjoni tal-minuti tas-sessjonijiet plenarji u tal-kumitati parlamentari
- Proċess ta' editjar għall-pubblikazzjonijiet ta' riċerka disponibbli għall-pubbliku
- Sessjonijiet u votazzjoni mill-bogħod
- L-użu ta' soluzzjonijiet ta' traskrizzjoni awtomatika tat-taħdit
- Miżuri addizzjonali meħuda fil-bini tal-Parlament biex jiġi evitat it-tixrid tal-COVID-19
- Aġġustament tal-attività parlamentari għat-tifqigħa tal-COVID-19
- L-attendenza tal-Membri fil-Parlament – ir-regoli, ir-rekords u s-sanzjonijiet għan-nuqqas ta' attendenza
- L-indirizzar tal-President / Kelliem fil-bidu tad-diskorsi fil-parlament

- Il-COVID-19: Appoġġ tal-ICT għall-Parlamenti
- Emendi għar-Regoli ta' Proċedura relatati mat-tifqigħa tal-COVID-19
- COVID-19 – dispożizzjonijiet preventivi rigward ix-xogħol/il-persunal parlamentari
- Proċeduri ta' diżinfezzjoni għall-vetturi f'moviment li jittrasportaw merkanzija lejn id-dwana
- Il-gruppi parlamentari, il-limiti elettorali u l-koalizzjonijiet preelettorali
- Reġimi legali relatati mal-emerġenza tas-saħħa fl-Ewropa
- Appoġġ għall-kultura u r-restrizzjonijiet fuq l-iskejjel sekondarji minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19
- Servizzi ta' għajnuna għall-iffilmjar u x-xandir
- Il-provvista ta' servizzi mediċi ta' emerġenza lill-Parlament
- L-ittestjar tal-MPs u tal-persunal parlamentari għall-COVID-19
- Organizzazzjoni ta' interpretazzjoni matul vidjokonferenzi internazzjonali/multilingwi
- Libreriji parlamentari – l-użu ta' karti stampati u servizzi diġitali
- Analiżi tal-ġeneru tal-baġit parlamentari
- Pubblikazzjoni fuq l-internet tal-assi tal-MPs
- L-attività parlamentari matul il-perjodu tal-COVID-19
- Standards u metodoloġija għar-riċerka dwar l-opinjoni pubblika matul il-perjodi elettorali
- Tariffi regolatorji ta' force majeure għar-riżorsi naturali
- Bidliet fil-leġiżlazzjoni elettorali bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19
- Il-liġi dwar il-midja awdjoviżiva
- Il-prekawzjonijiet u l-laqgħat parlamentari tal-COVID-19
- L-iżvelar pubbliku ta' frodi u ta' adulterazzjoni tal-ikel
- L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-gvernijiet subnazzjonali (reġjuni awtonomi, muniċipalitajiet, eċċ.)
- Id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi parlamentari u tat-tagħmir tekniku rilevanti
- Reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-interrogazzjonijiet
- Id-donazzjoni ta' organi u tessuti umani u t-trapjant tagħhom
- Kunflitti ta' interess tar-rappreżentanti tal-gvern lokali
- Verifika uffiċjali tal-profili tal-MPs jew tal-gruppi politiċi fuq il-midja soċjali
- Sanzjonijiet disponibbli għall-Parlamenti biex japplikaw għall-Membri tal-Parlament
- Setgħat ta' kumitati parlamentari investigattivi u disprezz
- Il-politiki tal-gvernijiet dwar ir-refuġjati u l-persuni spostati internament fir-reġjun ta' oriġini tagħhom mill-2017
- Il-leġiżlazzjoni u l-prattika dwar l-eżitazzjoni għat-tilqim
- It-turiżmu tas-saħħa
- Arkivji – akkomodazzjoni u kunsinna
- Maskri tal-wiċċ fil-parlament – l-MPs, il-persunal u l-viżitaturi
- Il-bejgħ tal-alkoħol fuq l-internet
- Istituzzjonijiet stabbiliti mill-Parlamenti
- Skemi ta' inizjattiva taċ-ċittadini, inklużi kwistjonijiet ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali
- Status tal-Membri tal-Parlament
- Induzzjoni u orjentazzjoni ġodda tal-impjegati fil-librerija u s-servizzi ta' riċerka parlamentari
- Is-seduti plenarji u l-ħidma parlamentari matul il-COVID-19
- Miżuri penali – ċittadini barranin, tfal u persuni mhux imputabbli
- It-telexogħol għall-persunal tal-Parlament
- Relazzjonijiet ta' riċerka ma' korpi ta' riċerka mhux parlamentari

- Regoli għat-tqaċċit totali tas-siġar u għall-ħsad tal-injam
- Aċċess għas-sala plenarja
- Artijiet agrikoli abbandunati
- Regolamentazzjoni tal-livell tal-istorbju fir-rigward ta' bini reliġjuż
- Rekwiżiti legali għat-twettiq ta' attività legali
- Miżuri dwar l-Istat tal-COVID-19 fil-Parlamenti
- L-assenjazzjoni u s-sistemi ta' ġestjoni tad-dokumenti għall-amministrazzjoni tat-talbiet għas-servizz ta' riċerka
- Telefonija għall-Membri tal-Parlament
- Valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sessi fid-dokumentazzjoni parlamentari
- Il-kamp ta' applikazzjoni tal-invjolabbiltà parlamentari – l-iżviluppi reċenti
- Proċedura ta' rinnegati
- L-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli u l-Parlament
- Riżorsi tal-IT għall-MPs
- Proċeduri interni fl-amministrazzjoni parlamentari rigward l-għoti ta' informazzjoni personali tal-MPs lill-midja
- Ir-riżorsi umani u s-servizzi pprovduti f'unitajiet ta' riċerka parlamentari
- Tressiq ta' proposti leġiżlattivi fil-Parlament
- Kandidati indipendenti u d-dritt tagħhom li jikkompetu f'tipi magħżula ta' elezzjonijiet
- Ir-riżorsi umani u s-servizzi pprovduti f'unitajiet ta' riċerka parlamentari

**C. Seminars tal-ECPRD u laqgħat statutorji fl-2020**

| SEMINARS | | |
|---|---|---|
| Webinar – "Parliamentary privilege and the General Data Protection Regulation" (Privileġġ parlamentari u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (qasam ta' interess: Prattika u proċedura parlamentari) | Vjenna (online) | 15 ta' Ġunju 2020 |
| Webinar – "Parliaments and constitutional law – parliaments and constitutional courts" (Il-Parlamenti u l-liġi kostituzzjonali – il-parlamenti u l-qrati kostituzzjonali) (qasam ta' interess: Prattika u proċedura parlamentari) | Vjenna (online) | 12-13 ta' Novembru 2020 |
| Webinar – "Parliamentary research in crisis mode: corona, comeback, change" (Riċerka parlamentari f'modalità ta' kriżi: corona, irkupru, bidla) (qasam ta' interess: libreriji, servizzi ta' riċerka u arkivji) | Brussell, il-Parlament Ewropew (online) | 12-13 ta' Novembru 2020 |
| **LAQGĦAT STATUTORJI** | | |
| Laqgħa virtwali tal-Kumitat Eżekuttiv | Strasburgu, APKE (online) | 26 ta' Mejju 2020 |
| Laqgħa virtwali tal-Kumitat Eżekuttiv | Strasburgu, APKE (online) | 1 ta' Lulju 2020 |
| Laqgħa virtwali tal-Kumitat Eżekuttiv | Ħelsinki, Eduskunta (online) | 25 ta' Settembru 2020 |
| Konferenza Annwali virtwali tal-Korrispondenti | Skopje, Sobranie (online) | 22 ta' Ottubru 2020 |

## Glossarju tat-termini u l-akronimi

**AFCO**: Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, il-Parlament Ewropew.

**AFET**: Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Parlament Ewropew.

**BUDG**: Kumitat għall-Baġits, il-Parlament Ewropew.

**CORCOM**: Id-Direttorju tal-Kumitati Korrispondenti. Sors ta' informazzjoni dwar il-kumitati tal-Parlamenti nazzjonali li jikkorrispondu għall-kumitati tal-Parlament Ewropew. Jipprovdi informazzjoni dwar is-segretarji tal-kumitati differenti tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE u tal-Parlament Ewropew.

**COSAC**: Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni. Konferenza tal-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-Membri tal-Parlamenti nazzjonali bbażata fuq it-trattati mill-kumitati parlamentari responsabbli għall-affarijiet tal-Unjoni Ewropea.

**COSAC BAR**: Rapport biannwali tal-COSAC. Dokument estiż ibbażat fuq kwestjonarju mibgħut lill-Parlamenti nazzjonali kollha tal-UE u lill-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet topiċi fl-Affarijiet tal-UE.

**DEVE**: Kumitat għall-Iżvilupp, il-Parlament Ewropew.

**DG EXPO**: Direttorat Ġenerali għall-Politiki Esterni tal-Unjoni, is-Segretarjat tal-Parlament Ewropew.

**EBCG**: Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

**ECPRD**: Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Dokumentazzjoni Parlamentari. Network ta' skambju ta' informazzjoni għall-amministrazzjonijiet tal-Parlamenti fl-Ewropa, li jiffunzjona abbażi ta' talbiet komparattivi.

**ECON**: Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Parlament Ewropew.

**EMPL**: Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Parlament Ewropew.

**EP**: Parlament Ewropew.

**EPW**: Ġimgħa Parlamentari Ewropea. Il-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea (IPC SECG) u l-Konferenza dwar is-Semestru Ewropew ilaqqgħu flimkien parlamentari mill-Unjoni Ewropea kollha biex jiddiskutu temi ekonomiċi, baġitarji u soċjali.

**Eurojust**: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali.

**Europol**: L-aġenzija tal-infurzar tal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

**EUSC**: Konferenza tal-Kelliema tal-Unjoni Ewropea. Laqgħa annwali tal-Kelliema tal-Parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, organizzata mill-Parlament tal-Presidenza preċedenti tal-Kunsill tal-UE tal-ħarifa.

**EWS**: Sistema ta' Twissija Bikrija. Mekkaniżmu ta' rieżami stabbilit fil-Protokoll Nru 2 tat-Trattati dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Huwa jipprevedi li l-Parlamenti nazzjonali jibagħtu opinjoni motivata lill-Presidenti tal-istituzzjonijiet.

**ICM**: Laqgħa Interparlamentari tal-Kumitati. Laqgħat koorganizzati mis-segretarjat(i) tal-kumitat(i) u mill-Unità tad-Djalogu Leġiżlattiv tad-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Parlament Ewropew. L-ICMs jiffunzjonaw bħala forum għad-djalogu bejn il-Membri tal-Parlamenti nazzjonali u l-MEPs.

**IPC PESK/PSDK**: Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Pjattaforma interparlamentari għad-dibattitu dwar il-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE. Organizzata darbtejn fis-sena mill-Parlament tal-Istat Membru tal-UE li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

**IPD**: Djalogu Politiku Informali. Il-kontributi tal-Parlamenti nazzjonali tal-UE fl-ambitu tal-Protokoll Nru 1 għat-Trattati li jikkummentaw dwar il-fajls leġiżlattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE kif ukoll dwar dokumenti mhux leġiżlattivi bħall-White papers jew il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea.

**IPEX**: Skambju ta' Informazzjoni Interparlamentari tal-UE. Pjattaforma għall-iskambju reċiproku ta' dokumenti u informazzjoni relatati mal-UE bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew.

**JPSG**: Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar il-Europol. Grupp ta' skrutinju interparlamentari li jiżgura li l-Europol tkun kompletament responsabbli u trasparenti. Il-JPSG jorganizza żewġ laqgħat fis-sena: waħda fil-Parlament tal-pajjiż li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE, u oħra fil-Parlament Ewropew.

**JURI**: Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-Parlament Ewropew.

**LIBE**: Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Parlament Ewropew.

**MFF**: Qafas finanzjarju pluriennali. Il-qafas ta' seba' snin li jirregola l-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea.

**MPs**: Membri tal-Parlament (nazzjonali).

**MEPs**: Membri tal-Parlament Ewropew.

**PESCO**: Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fil-qasam tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża, stabbilita b'deċiżjoni tal-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 2017 ma' 25 Stat Membru. Din toffri qafas legali biex jiġu ppjanati, żviluppati u jsiru investimenti b'mod konġunt fi proġetti ta' kapaċità kondiviża, u jittejbu l-livell ta' tħejjija operazzjonali u l-kontribut tal-forzi armati.

**PPSP**: Programm ta' Appoġġ għall-Parlament tal-Presidenza. Programm imfassal apposta għall-organizzazzjoni tad-dimensjoni parlamentari tal-Presidenzi li ġejjin tal-Istati Membri tal-UE u għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki mal-Parlamenti tagħhom.

**Spotlight**: Pubblikazzjonijiet relatati mas-sommarji dwar il-proċeduri jew il-prattiki parlamentari u bbażati fuq tweġibiet għat-talbiet mibgħuta lin-network tal-ECPRD.

**TUE**: It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

**TFUE**: It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

# PARLAMENTI NAZZJONALI
## TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UE

Diċembru 2020

- eletti direttament (D)
- eletti/maħturin/ieħor indirettament (I)

### Belgique/België/Belgien — Belġju

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Kamer van volksvertegenwoordigers/ Chambre des représentants/ Abgeordnetenkammer | 150 | D |
| Senaat/ Sénat/ Senat | 60 | I |

### България — Bulgarija

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Народно събрание (Narodno sabranie) | 240 | D |

### Česká republika — Repubblika Ċeka

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Poslanecká sněmovna | 200 | D |
| Senát | 81 | D |

### Danmark — Danimarka

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Folketinget | 179 | D |

### Deutschland — Ġermanja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Deutscher Bundestag | 709 | D |
| Bundesrat | 69 | I |

### Eesti — Estonja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Riigikogu | 101 | D |

### Éire/Ireland — Irlanda

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Dáil Éireann | 160 | D |
| Seanad Éireann | 60 | I |

### Ελλάδα — Greċja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Βουλή των Ελλήνων (Vouli ton Ellinon) | 300 | D |

### España — Spanja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Congreso de los Diputados | 350 | D |
| Senado | 208 | D |
| | 57 | I |

### France — Franza

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Assemblée nationale | 577 | D |
| Sénat | 348 | I |

### Hrvatska — Kroazja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Hrvatski sabor | 151 | D |

### Italia — Italja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Camera dei Deputati | 629 | D |
| Senato della Repubblica | 315 | D |
| | 6 | I |

### Κύπρος — Ċipru

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Βουλή των Αντιπροσώπων (Vouli ton Antiprosopon) | 56 | D |

### Latvija — Latvja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Saeima | 100 | D |

### Lietuva — Litwanja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Seimas | 141 | D |

### Luxembourg — Lussemburgu

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Chambre des Députés | 60 | D |

### Magyarország — Ungerija

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Országgyűlés | 199 | D |

### Malta — Malta

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Il-Kamra Tad-Deputati | 67 | D |

### Nederland — Netherlands

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Tweede Kamer | 150 | D |
| Eerste Kamer | 75 | I |

### Österreich — Awstrija

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Nationalrat | 183 | D |
| Bundesrat | 61 | I |

### Polska — Polonja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Sejm | 460 | D |
| Senat | 100 | D |

### Portugal — Portugall

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Assembleia da República | 230 | D |

### România — Rumanija

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Camera Deputatilor | 330 | D |
| Senat | 136 | D |

### Slovenija — Slovenja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Državni zbor | 90 | D |
| Državni svet | 40 | I |

### Slovensko — Slovakkja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Národná Rada | 150 | D |

### Suomi/ Finland — Finlandja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Eduskunta | 200 | D |

### Sverige — Żvezja

| Kamra | Membri | |
|---|---|---|
| Riksdagen | 349 | D |

Sors: Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali f'kooperazzjoni mar-Rappreżentanti tal-Parlamenti Nazzjonali tal-UE fi Brussell.



















**RELNATPARL@EP.EUROPA.EU**
**WWW.EUROPARL.EUROPA.EU/RELNATPARL/EN/HOME.HTML**

L021524 MT